Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2026/2070(INI)

23.6.2026

EMENDI
1 - 199

Abbozz ta' rapport
Brigitte van den Berg
(PE789.915v01-00)

It-tisħiħ tal-ħiliet fl-Unjoni – opportunitajiet ta’ edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali fi żminijiet ta’ tranżizzjoni
(2026/2070(INI))

Emenda 1
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Artikoli 6, 41, 156 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Or. en

Emenda 2
Romana Jerković, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Marianne Vind, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u b'mod partikolari l-ewwel prinċipju tiegħu dwar id-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi.

Or. en

Emenda 3
Romana Jerković, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Marianne Vind, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Lulju 2023 dwar it-theġġiġ u l-adattament tat-taħriġ vokazzjonali bħala għodda għas-suċċess tal-impjegati u element kostitwenti għall-ekonomija tal-UE fl-industrija 4.0 l-ġdida

(2022/2207(INI));

Or. en

Emenda 4
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Elena Donazzan, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi fl-2025 is-sehem taż-żgħażagħ bejn il-15 u d-29 sena barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) fl-UE kien ta' 11 %; billi l-ispariġġ vertikali fil-ħiliet għadu sfida persistenti madwar l-Unjoni, b'rata medja ta' sovrakwalifikazzjoni ta' 22 % fost il-persuni impjegati b'edukazzjoni terzjarja, u din tiżdied għal aktar minn 30 % fis-swieq tax-xogħol ta' diversi Stati Membri; billi dan il-fenomenu jeżisti flimkien ma' diskrepanza strutturali sinifikanti fil-ħiliet, fejn 80 % tal-SMEs jirrapportaw diffikultajiet biex isibu profili bil-ħiliet meħtieġa;

Or. en

Emenda 5
Pál Szekeres, Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi fi wħud mill-Istati Membri, l-espansjoni rapida tal-edukazzjoni terzjarja kienet akkumpanjata minn livelli dejjem akbar ta' sovrakwalifikazzjoni u inflazzjoni tal-kredenzjali, fejn il-lawrji qed jintużaw dejjem aktar bħala mekkaniżmi ta' skrinjar għal

okkupazzjonijiet li mhux neċessarjament jirrikjedu kompetenzi fil-livell terzjarju; billi din ix-xejra tirriskja li tissottovaluta l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali minkejja l-kontribut ippruvat tagħhom għall-impjiegi, il-produttività u l-iżvilupp tal-ħiliet;

Or. en

Emenda 6
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi r-Rapport Draghi dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea jwissi li l-produttività u l-kompetittività fit-tul tal-Ewropa huma ristretti minn dgħufijiet strutturali, inkluż investiment insuffiċjenti fil-ħiliet, fl-edukazzjoni u fil-kapital uman, u jenfasizza li t-tnaqqis tad-diskrepanza fl-innovazzjoni u fil-ħiliet huwa essenzjali biex jiġi sostnut il-mudell ekonomiku tal-Ewropa fid-dawl tal-kompetizzjoni globali;

Or. en

Emenda 7
Romana Jerković, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Marianne Vind, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-importanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), b'mod partikolari t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, se tkompli tiżdied, mhux l-anqas minħabba t-tranżizzjonijiet

diġitali u ekoloġiċi; billi t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi jista' biss ikollhom suċċess jekk il-ħaddiema jingħataw il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa;

Or. en

Emenda 8
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-Unjoni għandha l-kompetenza li twettaq azzjonijiet biex tappoġġja, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali;

Or. en

Emenda 9
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-Kummissjoni għandha tħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-azzjoni tagħhom fi kwistjonijiet relatati ma' taħriġ vokazzjonali bażiku u avvanzat, sabiex tippromwovi l-impjieg u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol;

Or. en

Emenda 10
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ac. billi, sabiex tħeġġeġ kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u tiffaċilita koordinazzjoni tal-azzjoni tagħhom fi kwistjonijiet relatati ma' taħriġ vokazzjonali bażiku u avvanzat, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'kuntatt mill-qrib mal-Istati Membri billi twettaq studji, tagħti opinjonijiet u torganizza konsultazzjonijiet kemm dwar problemi li jinħolqu fuq livell nazzjonali kif ukoll dwar dawk ta' tħassib għall-organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari inizjattivi li għandhom il-għan li jistabbilixxu linji gwida u indikaturi, jorganizzaw l-iskambju tal-aħjar prattika, u jħejju l-elementi meħtieġa għal monitoraġġ u evalwazzjoni perjodiċi, filwaqt li żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat bis-shiħ u tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali qabel ma tagħti dawn l-opinjonijiet;

Or. en

Emenda 11
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ad (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ad. billi l-kontenut u l-organizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali huma kompetenza nazzjonali;

Or. en

Emenda 12
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ae (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ae. billi l-azzjoni tal-Unjoni fi kwistjonijiet relatati mat-taħriġ vokazzjonali għandu jkollha l-għan li tiffaċilita l-adattament għall-bidliet industrijali, ittejjeb it-taħriġ vokazzjonali inizjali u kontinwu sabiex tiffaċilita l-integrazzjoni vokazzjonali u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol, tiffaċilita l-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali u tħeġġeġ il-mobbiltà tal-ħarrieġa u tal-apprendisti, b'mod partikolari taż-żgħażagħ, tistimula l-kooperazzjoni dwar it-taħriġ bejn l-istabbilimenti ta' edukazzjoni u ta' taħriġ u d-ditti u tiżviluppa skambji ta' informazzjoni u esperjenza dwar kwistjonijiet komuni għas-sistemi ta' taħriġ tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 13
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Elena Donazzan, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE qed tesperjenza domanda dejjem akbar għal professjonijiet vokazzjonali xprunata ***mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, ir-rilokalizzazzjoni*** tal-industrija, l-investiment fl-infrastruttura u t-tibdil demografiku; billi l-intelliġenza tas-suq tax-xogħol turi nuqqas akut u persistenti f'setturi intensivi tal-VET; billi t-tbassir tal-ħiliet tas-Cedefop jipproġetta li, sal-2035, 60 % tal-opportunitajiet kollha ta' impjieg se jirrikjedu kwalifiki sa livell medju[4], il-livell l-aktar ipprovdut b'mod	B. billi l-UE qed tesperjenza domanda dejjem akbar għal professjonijiet vokazzjonali xprunata ***mir-rilokalizzazzjoni*** tal-industrija***, l-objettivi ta' awtonomija strateġika***, l-investiment fl-infrastruttura u t-tibdil demografiku; billi l-intelliġenza tas-suq tax-xogħol turi nuqqas akut u persistenti f'setturi intensivi tal-VET; billi t-tbassir tal-ħiliet tas-Cedefop jipproġetta li, sal-2035, 60 % tal-opportunitajiet kollha ta' impjieg se jirrikjedu kwalifiki sa livell medju[4], il-

komuni permezz tal-perkorsi tal-VET;

[4] Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), "Skills Forecast" (Tbassir tal-ħiliet), https://www.cedefop.europa.eu/en/tools/skills-forecast.

livell l-aktar ipprovdut b'mod komuni permezz tal-perkorsi tal-VET;

[4] Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), "Skills Forecast" (Tbassir tal-ħiliet), https://www.cedefop.europa.eu/en/tools/skills-forecast.

Or. en

Emenda 14
Pál Szekeres, Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE qed tesperjenza domanda dejjem akbar għal professjonijiet vokazzjonali xprunata mit-tranżizzjoni ***ekoloġika u diġitali***, ir-rilokalizzazzjoni tal-industrija, l-investiment fl-infrastruttura u t-tibdil demografiku; billi l-intelliġenza tas-suq tax-xogħol turi nuqqas akut u persistenti f'setturi intensivi tal-VET; billi t-tbassir tal-ħiliet tas-Cedefop jipproġetta li, sal-2035, 60 % tal-opportunitajiet kollha ta' impjieg se jirrikjedu kwalifiki sa livell medju[4], il-livell l-aktar ipprovdut b'mod komuni permezz tal-perkorsi tal-VET;	B. billi l-UE qed tesperjenza domanda dejjem akbar għal professjonijiet vokazzjonali xprunata mit-tranżizzjoni ***attwali***, ir-rilokalizzazzjoni tal-industrija, l-investiment fl-infrastruttura u t-tibdil demografiku; billi l-intelliġenza tas-suq tax-xogħol turi nuqqas akut u persistenti f'setturi intensivi tal-VET; billi t-tbassir tal-ħiliet tas-Cedefop jipproġetta li, sal-2035, 60 % tal-opportunitajiet kollha ta' impjieg se jirrikjedu kwalifiki sa livell medju[4], il-livell l-aktar ipprovdut b'mod komuni permezz tal-perkorsi tal-VET;
[4] Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), "Skills Forecast" (Tbassir tal-ħiliet), https://www.cedefop.europa.eu/en/tools/skills-forecast.	[4] Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), "Skills Forecast" (Tbassir tal-ħiliet), https://www.cedefop.europa.eu/en/tools/skills-forecast.

Or. en

Emenda 15
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE qed tesperjenza domanda dejjem akbar għal professjonijiet vokazzjonali xprunata ***mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, ir-rilokalizzazzjoni*** tal-industrija, l-investiment fl-infrastruttura u t-tibdil demografiku; billi l-intelliġenza tas-suq tax-xogħol turi nuqqas akut u persistenti f'setturi intensivi tal-VET; billi t-tbassir tal-ħiliet tas-Cedefop jipproġetta li, sal-2035, 60 % tal-opportunitajiet kollha ta' impjieg se jirrikjedu kwalifiki sa livell medju[4], il-livell l-aktar ipprovdut b'mod komuni permezz tal-perkorsi tal-VET;	B. billi l-UE qed tesperjenza domanda dejjem akbar għal professjonijiet vokazzjonali xprunata ***mir-rilokalizzazzjoni*** tal-industrija, l-investiment fl-infrastruttura u t-tibdil demografiku; billi l-intelliġenza tas-suq tax-xogħol turi nuqqas akut u persistenti f'setturi intensivi tal-VET; billi t-tbassir tal-ħiliet tas-Cedefop jipproġetta li, sal-2035, 60 % tal-opportunitajiet kollha ta' impjieg se jirrikjedu kwalifiki sa livell medju[4], il-livell l-aktar ipprovdut b'mod komuni permezz tal-perkorsi tal-VET;
[4] Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), "Skills Forecast" (Tbassir tal-ħiliet), https://www.cedefop.europa.eu/en/tools/skills-forecast.	[4] Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), "Skills Forecast" (Tbassir tal-ħiliet), https://www.cedefop.europa.eu/en/tools/skills-forecast.

Or. en

Emenda 16
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE qed tesperjenza domanda dejjem akbar għal professjonijiet vokazzjonali xprunata mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, ir-rilokalizzazzjoni tal-industrija, l-investiment fl-infrastruttura u t-tibdil demografiku; billi l-intelliġenza tas-suq tax-xogħol turi nuqqas akut u persistenti f'setturi intensivi tal-VET; billi t-tbassir tal-ħiliet tas-Cedefop jipproġetta li, sal-2035, 60 % tal-opportunitajiet kollha ta' impjieg se jirrikjedu kwalifiki sa livell	B. billi l-UE qed tesperjenza domanda dejjem akbar għal professjonijiet vokazzjonali xprunata mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, ir-rilokalizzazzjoni tal-industrija, l-investiment fl-infrastruttura u t-tibdil demografiku; billi l-intelliġenza tas-suq tax-xogħol turi nuqqas akut u persistenti f'setturi intensivi tal-VET; billi ***t-tisħiħ tal-ħiliet ma jridx jitnaqqas biex jissodisfa d-domanda immedjata tas-suq tax-xogħol biss, iżda għandu wkoll***

medju[4], il-livell l-aktar ipprovdut b'mod komuni permezz tal-perkorsi tal-VET;	***jgħammar lin-nies bil-kompetenzi meħtieġa biex jaħsbu b'mod kritiku, jadattaw għall-bidla, jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà u jeżerċitaw ċittadinanza attiva; billi*** t-tbassir tal-ħiliet tas-Cedefop jipproġetta li, sal-2035, 60 % tal-opportunitajiet kollha ta' impjieg se jirrikjedu kwalifiki sa livell medju[4], il-livell l-aktar ipprovdut b'mod komuni permezz tal-perkorsi tal-VET;
[4] Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), "Skills Forecast" (Tbassir tal-ħiliet), https://www.cedefop.europa.eu/en/tools/skills-forecast.	[4] Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), "Skills Forecast" (Tbassir tal-ħiliet), https://www.cedefop.europa.eu/en/tools/skills-forecast.

Or. en

Emenda 17
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE qed tesperjenza domanda dejjem akbar għal professjonijiet vokazzjonali xprunata mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, ir-rilokalizzazzjoni tal-industrija, l-investiment fl-infrastruttura u t-tibdil demografiku; billi l-intelliġenza tas-suq tax-xogħol turi nuqqas akut u persistenti f'setturi intensivi tal-VET; billi t-tbassir tal-ħiliet tas-Cedefop jipproġetta li, sal-2035, 60 % tal-opportunitajiet kollha ta' impjieg se jirrikjedu kwalifiki sa livell medju[4], il-livell l-aktar ipprovdut b'mod komuni permezz tal-perkorsi tal-VET;	B. billi l-UE qed tesperjenza domanda dejjem akbar għal professjonijiet vokazzjonali xprunata mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, ir-rilokalizzazzjoni tal-industrija, l-investiment fl-infrastruttura u t-tibdil demografiku; billi l-intelliġenza tas-suq tax-xogħol turi nuqqas akut u persistenti f'setturi intensivi tal-VET; billi t-tbassir tal-ħiliet tas-Cedefop jipproġetta li, sal-2035, 60 % tal-opportunitajiet kollha ta' impjieg se jirrikjedu kwalifiki sa livell medju[4], il-livell l-aktar ipprovdut b'mod komuni permezz tal-perkorsi tal-VET; ***billi s-Cedefop jenfasizza wkoll li l-IA qed issawwar mill-ġdid id-domanda għall-ħaddiema b'modi li jsaħħu u jagħtu ħajja ġdida lill-okkupazzjonijiet vokazzjonali[1a];***
	1a

	https://www.cedefop.europa.eu/en/news/reverse-gear-how-ai-bringing-vocational-occupations-back
[4] Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), "Skills Forecast" (Tbassir tal-ħiliet), https://www.cedefop.europa.eu/en/tools/skills-forecast.	[4] Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), "Skills Forecast" (Tbassir tal-ħiliet), https://www.cedefop.europa.eu/en/tools/skills-forecast.

Or. en

Emenda 18
Romana Jerković, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Marianne Vind, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-UE qed tesperjenza domanda dejjem akbar għal professjonijiet vokazzjonali xprunata mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, ir-rilokalizzazzjoni tal-industrija, l-investiment fl-infrastruttura u t-tibdil demografiku; billi l-intelliġenza tas-suq tax-xogħol turi nuqqas akut u persistenti f'setturi intensivi tal-VET; billi t-tbassir tal-ħiliet tas-Cedefop jipproġetta li, sal-2035, 60 % tal-opportunitajiet kollha ta' impjieg se jirrikjedu kwalifiki sa livell medju[4], il-livell l-aktar ipprovdut b'mod komuni permezz tal-perkorsi tal-VET;	B. billi l-UE qed tesperjenza domanda dejjem akbar għal professjonijiet vokazzjonali xprunata mit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, ir-rilokalizzazzjoni tal-industrija, l-investiment fl-infrastruttura u t-tibdil demografiku; billi l-intelliġenza tas-suq tax-xogħol turi nuqqas akut u persistenti f'setturi intensivi tal-VET; billi t-tbassir tal-ħiliet tas-Cedefop jipproġetta li, sal-2035, 60 % tal-opportunitajiet kollha ta' impjieg se jirrikjedu kwalifiki sa livell medju[4], il-livell l-aktar ipprovdut b'mod komuni permezz tal-perkorsi tal-VET; ***billi l-VET għandhom rwol ewlieni fl-appoġġ tal-aċċess għal impjiegi ta' kwalità u opportunitajiet ta' żvilupp tal-karriera;***
[4] Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), "Skills Forecast" (Tbassir tal-ħiliet), https://www.cedefop.europa.eu/en/tools/skills-forecast.	[4] Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop), "Skills Forecast" (Tbassir tal-ħiliet), https://www.cedefop.europa.eu/en/tools/skills-forecast.

Or. en

Emenda 19
Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. Jissottolinja li l-politika dwar il-ħiliet trid tkun komponent ewlieni tal-politiki industrijali tal-Istati Membri u tal-kompetittività, aktar milli sempliċi żieda soċjali; jappella għal approċċ strateġiku u orjentat lejn il-futur għall-VET; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu riveduti l-kurrikuli tal-VET bl-użu ta' informazzjoni granulari dwar il-ħiliet biex l-edukazzjoni tiġi allinjata aħjar mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tas-setturi strateġiċi; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' approċċ koordinat tal-Istati Membri għas-sistema taċ-ċertifikazzjoni għall-ħiliet miksuba li jkun flessibbli, granulari, u anqas dipendenti fuq il-kisba ta' edukazzjoni formali, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-perkorsi ta' tagħlim differenti u t-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol; iħeġġeġ ukoll l-introduzzjoni ta' inċentivi effettivi għall-impjegaturi, bħal benefiċċji tat-taxxa jew vawċers tat-taħriġ, biex jappoġġjaw it-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol u jindirizzaw ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità fl-għoti ta' taħriġ fl-era tal-Intelliġenza Artifiċjali f'konformità mar-Rapport Draghi.

Or. en

Emenda 20
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. Billi l-VET jikkontribwixxu mhux biss għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-

xogħol u għall-iżvilupp tal-ħiliet, iżda wkoll għall-koeżjoni soċjali, l-involviment demokratiku u r-reżiljenza fost iż-żgħażagħ; billi l-istituzzjonijiet tal-VET spiss iservu bħala ambjenti ta' tagħlim fdati u inklużivi, b'mod partikolari f'reġjuni urbani u żvantaġġati fejn iż-żgħażagħ jistgħu jkunu f'riskju akbar ta' esklużjoni soċjali, diżimpenn mill-ħajja ċivika, radikalizzazzjoni jew polarizzazzjoni; billi t-tishiħ tal-VET jista' għalhekk jikkontribwixxi biex jitrawmu ċ-ċittadinanza attiva, l-inklużjoni u r-reżiljenza tas-soċjetà madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 21
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi n-nuqqas ta' ħaddiema spiss ikun marbut mhux biss mad-diskrepanzi fil-ħiliet iżda wkoll ma' progressjoni limitata fil-karriera u nuqqas ta' kopertura tan-negozjar kollettiv, u dan bħala riżultat ta' pagi baxxi, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, kundizzjonijiet tax-xogħol mhux sikuri jew mhux attraenti; billi t-titjib tal-kwalità tal-impjiegi, id-drittijiet tal-ħaddiema u l-paga deċenti huwa għalhekk essenzjali biex tittejjeb l-attraenza tal-professjonijiet vokazzjonali;

Or. en

Emenda 22
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi, skont l-Istħarriġ Ewropew tal-Eurofound dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol tal-2024, 44 % biss tal-ħaddiema Ewropej iħossu li għandhom biżżejjed opportunitajiet biex jużaw is-sett ta' ħiliet eżistenti tagħhom fuq il-post tax-xogħol, u 33 % biss tal-ħaddiema f'okkupazzjonijiet elementari jgħidu li għandhom biżżejjed opportunitajiet biex jużaw il-ħiliet tagħhom, meta mqabbla mal-54 % tal-maniġers u l-professjonisti;

Or. en

Emenda 23
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi koordinazzjoni effettiva tal-isforzi fl-isfera tat-taħriġ vokazzjonali għandha ssir fil-qafas tal-politika agrikola komuni;

Or. en

Emenda 24
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi hemm kemm nuqqas kif ukoll domanda dejjem akbar għal impjiegi li jinvolvu xogħol manwali bħal mastrudaxxi, elettriċisti, plumbers, eċċ.; billi dawn il-professjonijiet huma

essenzjali għas-soċjetà u l-ekonomija; billi n-nuqqas tagħhom jipprovoka prezz ogħla għal dawk is-servizzi, u dan jagħmilhom inaċċessibbli, bħal dawk fis-settur tal-bini, kemm għal kostruzzjoni ġdida kif ukoll għal rinnovazzjoni;

Or. en

Emenda 25
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jistabbilixxi l-għan li mill-anqas 60 % tal-adulti kollha għandhom jipparteċipaw f'taħriġ kull sena sal-2030 u billi r-rata attwali ta' parteċipazzjoni tal-adulti hija biss ta' 37 % skont l-aktar data reċenti tal-Eurostat;

Or. en

Emenda 26
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi huwa meħtieġ li l-impjieg indipendenti jiġi appoġġjat, peress li l-biċċa l-kbira tal-professjonisti vokazzjonali jaħdmu għal rashom; billi, f'diversi Stati Membri, il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' dawk li jaħdmu għal rashom huma anqas siguri u fi żvantaġġ meta mqabbla ma' tipi oħra ta' impjieg;

Or. en

Emenda 27
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bc. billi l-benesseri tal-istudenti u tal-għalliema huwa fattur kruċjali għall-kwalità, l-eżiti, l-inklużività u l-attraenza tal-VET;

Or. en

Emenda 28
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bd (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bd. billi n-nuqqas dejjem akbar ta' għalliema u ħarrieġa tal-VET jhedded il-kwalità, l-inklużività u l-attraenza futuri tal-VET fl-Ewropa; u billi l-attraenza, ir-rikonoxximent soċjali, ir-remunerazzjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-professjoni tat-tagħlim tal-VET huma essenzjali għar-reklutaġġ u ż-żamma ta' għalliema u ħarrieġa kwalifikati;

Or. en

Emenda 29
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-orjentazzjoni politika tal-UE skont l-Istrateġija ta' Liżbona poġġiet	C. billi l-orjentazzjoni politika tal-UE skont l-Istrateġija ta' Liżbona poġġiet

enfasi sproporzjonata fuq il-kisba akkademika, filwaqt li ssottovalutat l-importanza strateġika tal-professjonijiet vokazzjonali għall-bażi u għar-reżiljenza ***tal-industrija*** tal-UE; billi ***l-iżviluppi ġeopolitiċi*** reċenti***, it-tfixkil*** fil-katina tal-provvista ***u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali juru li jeħtieġ*** investiment sostanzjali fil-VET;	enfasi sproporzjonata fuq il-kisba akkademika, filwaqt li ssottovalutat l-importanza strateġika tal-professjonijiet vokazzjonali għall-bażi ***industrijali*** u għar-reżiljenza tal-UE; billi ***l-iżvilupp ġeopolitiku*** reċenti ***u t-tfixkil*** fil-katina tal-provvista ***juru l-ħtieġa ta'*** investiment sostanzjali fil-VET;

Or. en

Emenda 30
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Elena Donazzan, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-orjentazzjoni politika tal-UE skont l-Istrateġija ta' Liżbona poġġiet enfasi sproporzjonata fuq il-kisba akkademika, filwaqt li ssottovalutat l-importanza strateġika tal-professjonijiet vokazzjonali għall-bażi u għar-reżiljenza ***tal-industrija*** tal-UE; billi l-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti, it-tfixkil fil-katina tal-provvista ***u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali juru li jeħtieġ*** investiment sostanzjali fil-VET;	C. billi l-orjentazzjoni politika tal-UE skont l-Istrateġija ta' Liżbona poġġiet enfasi sproporzjonata fuq il-kisba akkademika, filwaqt li ssottovalutat l-importanza strateġika tal-professjonijiet vokazzjonali għall-bażi ***industrijali*** u għar-reżiljenza tal-UE; billi l-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti, it-tfixkil fil-katina tal-provvista***, it-tranżizzjoni doppja u l-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċità produttiva u l-kompetittività industrijali tal-Ewropa juru l-ħtieġa ta'*** investiment sostanzjali fil-VET;

Or. en

Emenda 31
Pál Szekeres, Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-orjentazzjoni politika tal-UE	C. billi l-orjentazzjoni politika tal-UE

skont l-Istrateġija ta' Liżbona poġġiet enfasi sproporzjonata fuq il-kisba akkademika, filwaqt li ssottovalutat l-importanza strateġika tal-professjonijiet vokazzjonali għall-bażi u għar-reżiljenza ***tal-industrija*** tal-UE; billi l-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti, it-tfixkil fil-katina tal-provvista u t-tranżizzjoni ***ekoloġika u diġitali juru li jeħtieġ*** investiment sostanzjali fil-VET;	skont l-Istrateġija ta' Liżbona poġġiet enfasi sproporzjonata fuq il-kisba akkademika, filwaqt li ssottovalutat l-importanza strateġika tal-professjonijiet vokazzjonali għall-bażi ***industrijali*** u għar-reżiljenza tal-UE; billi l-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti, it-tfixkil fil-katina tal-provvista u t-tranżizzjoni ***attwali juru l-ħtieġa ta'*** investiment sostanzjali fil-VET;
	Or. en

Emenda 32
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-orjentazzjoni politika tal-UE skont l-Istrateġija ta' Liżbona poġġiet enfasi sproporzjonata fuq il-kisba akkademika, filwaqt li ssottovalutat l-importanza strateġika tal-professjonijiet vokazzjonali għall-bażi ***u għar-reżiljenza tal-industrija*** tal-UE; billi l-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti, it-tfixkil fil-katina tal-provvista u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali juru ***li jeħtieġ*** investiment sostanzjali fil-VET;	C. billi l-orjentazzjoni politika tal-UE skont l-Istrateġija ta' Liżbona poġġiet enfasi sproporzjonata fuq il-kisba akkademika, filwaqt li ssottovalutat l-importanza strateġika tal-professjonijiet vokazzjonali għall-bażi ***industrijali, ir-reżiljenza u l-koeżjoni soċjali u territorjali*** tal-UE; billi l-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti, it-tfixkil fil-katina tal-provvista u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali juru ***l-ħtieġa ta'*** investiment sostanzjali fil-VET***, fit-tagħlim tul il-ħajja u fl-infrastruttura aċċessibbli tat-taħriġ pubbliku madwar l-UE***;
	Or. en

Emenda 33
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi l-orjentazzjoni politika tal-UE ***skont l-Istrateġija*** ta' Liżbona poġġiet enfasi sproporzjonata fuq il-kisba akkademika, filwaqt li ssottovalutat l-importanza strateġika tal-professjonijiet vokazzjonali għall-bażi u għar-reżiljenza ***tal-industrija*** tal-UE; billi l-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti, it-tfixkil fil-katina tal-provvista u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali juru ***li jeħtieġ*** investiment sostanzjali fil-VET;	C. billi l-orjentazzjoni politika tal-UE ***mill-Istrateġija*** ta' Liżbona poġġiet enfasi sproporzjonata fuq il-kisba akkademika, filwaqt li ssottovalutat l-importanza strateġika tal-professjonijiet vokazzjonali għall-bażi ***industrijali*** u għar-reżiljenza tal-UE; billi l-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti, it-tfixkil fil-katina tal-provvista u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali juru ***l-ħtieġa ta'*** investiment sostanzjali fil-VET;

Or. en

Emenda 34
Romana Jerković, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Marianne Vind, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-aċċess ugwali għall-VET, inklużi l-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema u għall-persuni kollha li qed ifittxu impjieg, huwa kruċjali;

Or. en

Emenda 35
Romana Jerković, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Marianne Vind, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-istrateġija tal-VET li jmiss għandha tittratta l-VET inizjali u kontinwi bħala pilastri ugwali, b'objettivi ċari u b'finanzjament iddedikat;

Or. en

Emenda 36
Romana Jerković, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Marianne Vind, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cc. billi l-kwalità fqira tal-impjiegi, il-kundizzjonijiet ħżiena tax-xogħol u n-nuqqas ta' investimenti fil-VET fil-livell tal-kumpanija huma għud mir-raġunijiet għan-nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa; billi kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol u aċċess għal sistemi ta' sigurtà soċjali, servizzi pubbliċi ta' kwalità u ambjent attraenti ta' għajxien e jkollhom rwol prominenti fiż-żamma u l-attrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa; billi t-tishiħ tal-iżvilupp personali u l-gwida għat-tagħlim minn età bikrija u l-appoġġ għall-aċċess ugwali għall-informazzjoni jistgħu jgħinu lin-nies jagħżlu perkorsi ta' tagħlim adatti għal opportunitajiet ta' impjieg ta' kwalità;

Or. en

Emenda 37
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-preġudizzji persistenti tas-soċjetà u tal-politika, li jinkwadraw il-perkorsi tal-edukazzjoni ***f'termini ta' ġerarkija***, jikkontribwixxu għan-nuqqas ta' attraenza tal-perkorsi vokazzjonali u biex il-kurrent ikaxkar lejn edukazzjoni akkademika, u b'hekk jiġi limitat ir-	D. billi l-preġudizzji persistenti tas-soċjetà u tal-politika, li jinkwadraw il-perkorsi tal-edukazzjoni, jikkontribwixxu għan-nuqqas ta' attraenza tal-perkorsi vokazzjonali u biex il-kurrent ikaxkar lejn edukazzjoni akkademika, u b'hekk jiġi limitat ir-rikonoxximent ugwali tat-talenti,

rikonoxximent ugwali tat-talenti, tiġi mminata l-koeżjoni soċjali u jiġi aggravat in-nuqqas kritiku ta' ħiliet fl-okkupazzjonijiet vokazzjonali;	tiġi mminata l-koeżjoni soċjali u jiġi aggravat in-nuqqas kritiku ta' ħiliet fl-okkupazzjonijiet vokazzjonali;

Or. en

Emenda 38
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-preġudizzji persistenti tas-soċjetà u tal-politika, li jinkwadraw il-perkorsi tal-edukazzjoni f'termini ta' ġerarkija, jikkontribwixxu għan-nuqqas ta' attraenza tal-perkorsi vokazzjonali u biex il-kurrent ikaxkar lejn edukazzjoni akkademika, u b'hekk jiġi limitat ir-rikonoxximent ugwali tat-talenti, tiġi mminata l-koeżjoni soċjali u jiġi aggravat in-nuqqas kritiku ta' ħiliet fl-okkupazzjonijiet vokazzjonali;	D. billi l-preġudizzji persistenti tas-soċjetà u tal-politika, li jinkwadraw il-perkorsi tal-edukazzjoni f'termini ta' ġerarkija, jikkontribwixxu għan-nuqqas ta' attraenza tal-perkorsi vokazzjonali u biex il-kurrent ikaxkar lejn edukazzjoni akkademika, u b'hekk jiġi limitat ir-rikonoxximent ugwali tat-talenti, tiġi mminata l-koeżjoni soċjali u jiġi aggravat in-nuqqas kritiku ta' ħiliet fl-okkupazzjonijiet vokazzjonali; ***billi dawk il-preġudizzji jsaħħu wkoll l-inugwaljanzi soċjali li jaffettwaw il-progress fil-karriera u l-opportunitajiet ta' introjtu;***

Or. en

Emenda 39
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi huwa meħtieġ li l-prestiġju tal-professjonijiet ta' vokazzjoni essenzjali li jinvolvu xogħol manwali jiġi inċentivat, billi jiġi appoġġjat ir-rikonoxximent soċjali kif kien il-każ fil-passat bil-kultura

ta' appartenenza u organizzazzjoni komuni tagħhom stess; billi hija meħtieġa strateġija nazzjonali sabiex tiggarantixxi l-eżistenza ta' tali professjonijiet essenzjali u l-korpi li fihom jistgħu jsibu tali kultura ta' appartenenza u t-trażmissjoni tal-għarfien u l-għarfien prattiku;

Or. en

Emenda 40
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi n-nisa għadhom sottorappreżentati f'ħafna perkorsi tal-VET, b'mod partikolari fl-oqsma STEM u dawk tekniċi, u l-istereotipi persistenti marbuta mal-ġeneru jkomplu jsawru l-għażliet edukattivi u tal-karriera; billi l-VET għandhom jgħinu biex jitnaqqas dan id-distakk billi jippromwovu aċċess, gwida u progressjoni ugwali f'setturi b'domanda b'saħħitha għall-ħaddiema;

Or. en

Emenda 41
Pál Szekeres, Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. ***billi l-ostakli amministrattivi bla bżonn, il-proċeduri frammentati ta' rikonoxximent u l-interoperabbiltà insuffiċjenti bejn is-sistemi nazzjonali jkomplu jfixklu l-moviment liberu tal-***	E. billi l-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u l-oqfsa reġjonali tista' tikkontribwixxi biex tinbena l-fiduċja reċiproka, jiġu modernizzati l-proċeduri ta' rikonoxximent u tiġi ffaċilitata l-mobbiltà

ħaddiema, b'mod partikolari tal-professjonisti tal-VET; billi l-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u l-oqfsa reġjonali tista' tikkontribwixxi biex tinbena l-fiduċja reċiproka, jiġu modernizzati l-proċeduri ta' rikonoxximent u tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol għall-professjonisti tal-VET, filwaqt li jinżammu standards għoljin;	tal-forza tax-xogħol għall-professjonisti tal-VET, filwaqt li jinżammu standards għoljin;

Or. en

Emenda 42
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-ostakli amministrattivi bla bżonn, il-proċeduri frammentati ta' rikonoxximent ***u*** l-interoperabbiltà insuffiċjenti bejn is-sistemi nazzjonali ***jkomplu*** jfixklu l-moviment liberu tal-ħaddiema, b'mod partikolari tal-professjonisti tal-VET; billi l-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u l-oqfsa reġjonali tista' tikkontribwixxi biex tinbena l-fiduċja reċiproka, jiġu modernizzati l-proċeduri ta' rikonoxximent u tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol għall-professjonisti tal-VET, filwaqt li jinżammu standards għoljin;	E. billi l-ostakli amministrattivi bla bżonn, il-proċeduri frammentati ta' rikonoxximent***,*** l-interoperabbiltà insuffiċjenti bejn is-sistemi nazzjonali ***u s-sottofinanzjament ikomplu*** jfixklu l-moviment liberu tal-ħaddiema, b'mod partikolari tal-professjonisti tal-VET; billi l-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u l-oqfsa reġjonali tista' tikkontribwixxi biex tinbena l-fiduċja reċiproka, jiġu modernizzati l-proċeduri ta' rikonoxximent u tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol għall-professjonisti tal-VET, filwaqt li jinżammu standards għoljin; ***billi s-sistemi ta' rikonoxximent għandhom jappoġġjaw ukoll il-validazzjoni tal-kompetenzi miksuba permezz tat-tagħlim mhux formali u informali, inklużi l-volontarjat, il-ħidma fost iż-żgħażagħ u l-esperjenza tax-xogħol;***

Or. en

Emenda 43

Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-ostakli amministrattivi bla bżonn, il-proċeduri frammentati ta' rikonoxximent u l-interoperabbiltà insuffiċjenti bejn is-sistemi nazzjonali jkomplu jfixklu l-moviment liberu tal-ħaddiema, b'mod partikolari tal-professjonisti tal-VET; billi l-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u l-oqfsa reġjonali tista' tikkontribwixxi biex tinbena l-fiduċja reċiproka, jiġu modernizzati l-proċeduri ta' rikonoxximent u tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol għall-professjonisti tal-VET, filwaqt li ***jinżammu standards għoljin***;	E. billi l-ostakli amministrattivi bla bżonn, il-proċeduri frammentati ta' rikonoxximent u l-interoperabbiltà insuffiċjenti bejn is-sistemi nazzjonali jkomplu jfixklu l-moviment liberu tal-ħaddiema, b'mod partikolari tal-professjonisti tal-VET; billi l-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u l-oqfsa reġjonali tista' tikkontribwixxi biex tinbena l-fiduċja reċiproka, jiġu modernizzati l-proċeduri ta' rikonoxximent u tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol għall-professjonisti tal-VET, filwaqt li ***jiġu ssalvagwardjati l-istandards tax-xogħol, il-ftehimiet kollettivi, id-drittijiet tas-sigurtà soċjali u t-trattament ugwali għall-ħaddiema kollha***;

Or. en

Emenda 44
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-ostakli amministrattivi bla bżonn, il-proċeduri frammentati ta' rikonoxximent u l-interoperabbiltà insuffiċjenti bejn is-sistemi nazzjonali jkomplu jfixklu l-moviment liberu tal-ħaddiema, b'mod partikolari tal-professjonisti tal-VET; billi l-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u l-oqfsa reġjonali tista' tikkontribwixxi biex tinbena l-fiduċja reċiproka, jiġu modernizzati l-proċeduri ta' rikonoxximent u tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol għall-professjonisti tal-VET,	E. billi l-ostakli amministrattivi bla bżonn, il-proċeduri frammentati ta' rikonoxximent u l-interoperabbiltà insuffiċjenti bejn is-sistemi nazzjonali jkomplu jfixklu l-moviment liberu tal-ħaddiema, b'mod partikolari tal-professjonisti ***mħarrga*** tal-VET; billi l-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u l-oqfsa reġjonali tista' tikkontribwixxi biex tinbena l-fiduċja reċiproka, jiġu modernizzati l-proċeduri ta' rikonoxximent u tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol għall-professjonisti tal-VET,

filwaqt li jinżammu standards għoljin;	filwaqt li jinżammu standards għoljin;

Or. en

Emenda 45
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi s-settur tal-kostruzzjoni qed jiffaċċja nuqqas persistenti ta' ħaddiema u ħiliet, u dan huwa aggravat minn forza tax-xogħol li qed tixjieħ, attraenza baxxa għaż-żgħażagħ u d-domanda dejjem akbar għal kompetenzi ekoloġiċi u diġitali; billi diversi inizjattivi fil-livell tal-Unjoni, inklużi s-Sħubija fuq Skala Kbira għall-Ħiliet fil-qasam tal-Kostruzzjoni, il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet fil-qasam tal-Kostruzzjoni, il-Patt għall-Ħiliet, l-Akkademja Ewropea tal-Bauhaus il-Ġdida u l-Istrateġija Ewropea għall-Kostruzzjoni tal-Akkomodazzjoni, fittxew li jindirizzaw dawn l-isfidi, iżda għad hemm diskrepanzi sinifikanti fil-ħiliet u dawn jillimitaw il-kapaċità tas-settur li jipprovdi akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u ta' kwalità għolja;

Or. en

Emenda 46
Angelika Winzig, Eleonora Meleti, Miriam Lexmann, Andrea Wechsler, Romana Tomc, Andrzej Buła, Martine Kemp, Henrik Dahl, Letizia Moratti, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi s-sistemi doppji tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali

bbażati fuq l-apprendistat, li jikkombinaw it-tagħlim ibbażat fl-iskejjel ma' taħriġ sostanzjali bbażat fuq ix-xogħol fl-intrapriżi, urew li huma effettivi biex jappoġġjaw it-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieg; billi l-Istati Membri b'sistemi doppji tal-VET stabbiliti sew spiss irreġistraw eżiti tas-suq tax-xogħol taż-żgħażagħ komparattivament favorevoli u jistgħu jipprovdu eżempji siewja ta' prattika tajba għat-tisħiħ tal-Unjoni tal-Ħiliet[1a];

[1a] Is-Cedefop (2021). The role of work-based learning in VET and tertiary education: evidence from the 2016 EU labour force survey. (Ir-rwol tat-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol fil-VET u l-edukazzjoni terzjarja: evidenza mill-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol tal-UE tal-2016.) Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Dokument ta' riċerka tas-Cedefop

Or. en

Emenda 47
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-proċess ta' Bolonja stabbilixxa komparabbiltà fl-istandards u l-mekkaniżmi ta' trasparenza għall-kwalifiki tal-edukazzjoni akkademika; billi l-proċess ta' Copenhagen fittex li jżid it-trasparenza, itejjeb l-assigurazzjoni tal-kwalità, jiffaċilita l-mobbiltà, u jrawwem fiduċja reċiproka fil-VET madwar l-Istati Membri, iżda kiseb biss konverġenza limitata minħabba d-diversità tas-sistemi nazzjonali tal-VET u l-inkorporazzjoni b'saħħitha tal-VET fi ħdan is-suq tax-xogħol nazzjonali u l-istituzzjonijiet

industrijali;

Or. en

Emenda 48
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Elena Donazzan, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-organizzazzjoni, il-governanza u l-finanzjament tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jibqgħu primarjament kompetenza tal-Istati Membri u għandhom jirrispettaw bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Or. en

Emenda 49
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi t-taħriġ vokazzjonali xi drabi sofra minn immaġni negattiva minħabba l-perċezzjoni ta' ambjent ta' tagħlim sfavorevoli, u dan jista' jiskoraġġixxi lill-istudenti u lill-familji milli jagħżluh;

Or. en

Emenda 50
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-UE għadha lura ħafna fil-mira tagħha għall-2030 biex l-adulti jipparteċipaw fit-tagħlim, u dan ixekkel it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tant meħtieġa; billi xorta jista' jkun diffiċli għall-ħaddiema li jaċċessaw it-taħriġ minħabba l-obbligi tax-xogħol u l-ispiża tat-taħriġ; billi l-parteċipazzjoni fit-taħriġ u l-użu tal-intitolamenti għat-tagħlim għadhom ferm aktar baxxi fost il-ħaddiema b'edukazzjoni vokazzjonali meta mqabbla ma' ħaddiema b'edukazzjoni akkademika, u b'hekk jissaħħu l-inugwaljanzi eżistenti fil-ħiliet; billi d-domanda għall-ħiliet u l-għoti ta' taħriġ mhux dejjem jallinjaw b'mod suffiċjenti, u l-opportunitajiet ta' tagħlim għadhom spiss maqtugħa mill-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 51
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Elena Donazzan, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***Eb. billi l-VET għadhom nieqsa mir-rikonoxximent mhux biss bħala perkors tal-edukazzjoni, iżda bħala infrastruttura ekonomika u soċjali kritika, li kapaċi: tħejji kif xieraq forza tax-xogħol kwalifikata, timplimenta bidliet teknoloġiċi u trawwem l-iżvilupp tal-bniedem; tuża l-innovazzjoni f'firxa wiesgħa ta' setturi soċjoekonomiċi; timmitiga n-nuqqas ta' ħiliet permezz ta' tagħlim modern imsejjes fuq ix-xogħol, perkorsi ta' tagħlim għall-adulti u tagħlim tul il-ħajja; ittejjeb il-ħiliet u tħarreġ mill-ġdid lill-professjonisti; tippromwovi d-demokrazija, iċ-ċittadinanza u l-**

inklużjoni; trawwem ekosistemi industrijali reżiljenti madwar l-Ewropa.

Or. en

Emenda 52
Angelika Winzig, Eleonora Meleti, Miriam Lexmann, Andrea Wechsler, Romana Tomc, Andrzej Buła, Martine Kemp, Henrik Dahl, Letizia Moratti, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Eb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Eb. billi l-SMEs għandhom rwol ċentrali fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bbażati fuq l-apprendistat madwar l-Unjoni; billi l-parteċipazzjoni tagħhom fi skemi ta' mobbiltà transfruntiera tista' tiġi ristretta minn sfidi amministrattivi u organizzattivi, b'mod partikolari meta n-nuqqas temporanju ta' apprendisti jpoġġi pressjoni addizzjonali fuq in-negozji ż-żgħar; billi appoġġ immirat u proċeduri simplifikati jistgħu jgħinu biex tiżdied il-parteċipazzjoni f'opportunitajiet ta' mobbiltà għall-istudenti tal-VET;

Or. en

Emenda 53
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ec. billi huwa vitali għall-prosperità ekonomika Ewropea li jkollha popolazzjoni b'saħħitha mħarrġa b'mod vokazzjonali; billi l-mobbiltà individwali u l-mobbiltà tal-apprendisti huma muturi ewlenin għal edukazzjoni vokazzjonali Ewropea ta' kwalità u għat-trawwim tat-

tkabbir personali, l-iżvilupp tal-ħiliet, u ċ-ċittadinanza attiva; billi r-rati ta' parteċipazzjoni fil-mobbiltà għadhom aktar baxxi għall-istudenti tal-VET milli għall-istudenti tal-edukazzjoni akkademika; billi l-ostakli jinkludu spejjeż bil-quddiem, appoġġ finanzjarju insuffiċjenti, ostakli lingwistiċi, diffikultajiet fir-rikonoxximent tal-eżiti tat-tagħlim miksuba barra mill-pajjiż u appoġġ limitat tal-impjegaturi għall-mobbiltà tal-apprendisti;

Or. en

Emenda 54
Angelika Winzig, Eleonora Meleti, Miriam Lexmann, Andrea Wechsler, Romana Tomc, Andrzej Buła, Martine Kemp, Henrik Dahl, Letizia Moratti, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ec (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ec. billi r-Rapport Draghi u l-Boxxla għall-Kompetittività jissottolinjaw l-importanza tal-ħiliet, il-produttività u l-kompetittività industrijali għall-futur tal-ekonomija Ewropea; billi s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja għandhom rwol ewlieni biex jiżguraw id-disponibbiltà ta' ħaddiema tas-sengħa meħtieġa għat-trasformazzjoni industrijali u teknoloġika tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 55
Pál Szekeres, Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

7. Ifakkar li għalkemm il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "L-Unjoni tal-Ħiliet" tiddikjara li l-VET għandhom isiru "perkors ta' tagħlim apprezzat b'mod ugwali bħall-edukazzjoni għolja", il-VET għadhom jirċievu sehem iżgħar mill-finanzjament ta' Erasmus+, meta mqabbla mal-edukazzjoni akkademika; jinsisti li l-allokazzjoni baġitarja tiegħu tiżdied biex jiġi żgurat li dan l-objettiv jintlaħaq fil-prattika, u biex tiġi appoġġjata l-mira ta' mobbiltà għat-tagħlim ta' "Ewropa Attiva" ta' 12 % għall-istudenti tal-VET sal-2030;	7. Ifakkar li għalkemm il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "L-Unjoni tal-Ħiliet" tiddikjara li l-VET għandhom isiru "perkors ta' tagħlim apprezzat b'mod ugwali bħall-edukazzjoni għolja", il-VET għadhom jirċievu sehem iżgħar mill-finanzjament ta' Erasmus+, meta mqabbla mal-edukazzjoni akkademika; ***jappella għal żieda sostanzjali fil-baġit ġenerali tal-Erasmus+ fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, b'appoġġ iddedikat għall-istudenti minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati, reġjuni rurali u reġjuni ultraperiferiċi;*** jinsisti li l-allokazzjoni baġitarja tiegħu tiżdied biex jiġi żgurat li dan l-objettiv jintlaħaq fil-prattika, u biex tiġi appoġġjata l-mira ta' mobbiltà għat-tagħlim ta' "Ewropa Attiva" ta' 12 % għall-istudenti tal-VET sal-2030;

Or. en

Emenda 104
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jiddispjaċih li l-ostakli strutturali u finanzjarji persistenti jkomplu jillimitaw il-parteċipazzjoni fil-mobbiltà internazzjonali fost l-istudenti tal-VET; jitlob li jiġi stabbilit qafas Ewropew komuni b'saħħtu li jiżgura r-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki u l-eżiti tat-tagħlim miksuba matul il-perjodi ta' mobbiltà u l-internships u l-apprendistati barra mill-pajjiż; jitlob ukoll li l-għotjiet għall-mobbiltà tal-Erasmus+ ikunu bbażati fuq l-għoli tal-ħajja reali fil-pajjiżi ospitanti u jqisu l-ispejjeż

addizzjonali speċifiċi li jiffaċċjaw l-istudenti tal-VET;

Or. en

Emenda 105
Letizia Moratti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu żviluppati perkorsi ta' appoġġ imfassla apposta għaż-żgħażagħ li huma barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs), permezz ta' għodod ta' gwida, tutoraġġ u mentoraġġ li kapaċi jindirizzaw il-ħtiġijiet individwali u jneħħu l-ostakli għall-aċċess għall-perkorsi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri ta' inklużjoni u riintegrazzjoni, filwaqt li jrawmu l-parteċipazzjoni tan-NEETs fi programmi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali u f'opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja;

Or. en

Emenda 106
Angelika Winzig, Eleonora Meleti, Miriam Lexmann, Andrea Wechsler, Romana Tomc, Andrzej Buła, Martine Kemp, Letizia Moratti, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-iskemi ta' mobbiltà Erasmus+ għall-apprendisti u l-istudenti tal-VET billi jissimplifikaw il-

proċeduri amministrattivi, inaqqsu r-rekwiżiti ta' rapportar, jipprovdu appoġġ organizzazzjonali mmirat u jqisu l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw l-intrapriżi ż-żgħar meta l-apprendisti jkunu temporanjament assenti mill-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 107
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Elena Donazzan, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jesprimi dispjaċir għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li ma tinvolvix lill-Assoċjazzjonijiet Ewropej tal-VET fil-Bord ta' Livell Għoli dwar il-Ħiliet u jistieden lill-Kummissjoni tinkludihom bħala membru sħiħ, fid-dawl tal-esperjenza tagħhom fit-taħriġ, l-edukazzjoni u l-ħiliet, b'mod konformi mal-missjoni ewlenija tal-Bord u tikkomplementa l-evidenza pprovduta mill-Osservatorju Ewropew tal-Informazzjoni dwar il-Ħiliet;

Or. en

Emenda 108
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jieħdu miżuri mmirati biex inaqqsu d-differenza bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni u t-taħriġ relatati mal-

iSTEM, inkluż fil-VET, billi jindirizzaw l-istereotipi, itejbu ż-żamma u l-progressjoni, u jiżguraw aċċess ugwali għal taħriġ ta' kwalità, apprendistati u karrieri futuri f'setturi strateġiċi;

Or. en

Emenda 109
Romana Jerković, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Marianne Vind, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq li djalogu soċjali li jiffunzjona tajjeb, ftehimiet kollettivi u l-involviment sinifikanti tas-sħab soċjali huma essenzjali biex jittejbu l-attraenza u l-kwalità tal-VET, jiġu antiċipati l-ħtiġijiet tal-ħiliet u jiġu appoġġjati l-ħaddiema permezz tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali;

Or. en

Emenda 110
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jappella għal miżuri li jipprovdu appoġġ addizzjonali u jissimplifikaw il-proċeduri amministrattivi, biex jagħmluha aktar faċli u aktar attraenti għall-kumpaniji u l-SMEs biex jospitaw u jibagħtu apprendisti internazzjonali; jitlob l-implimentazzjoni tal-Erasmus Mingħajr Karti u l-Kard tal-Istudenti tal-Erasmus fis-settur tal-VET mill-aktar fis possibbli; jitlob li jiġi ddedikat baġit għall-forniturі

tal-VET biex jimpjegaw aktar koordinaturi tal-mobbiltà internazzjonali;

Or. en

Emenda 111
Angelika Winzig, Eleonora Meleti, Miriam Lexmann, Andrea Wechsler, Romana Tomc, Andrzej Buła, Martine Kemp, Henrik Dahl, Letizia Moratti, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Iħeġġeġ l-iżvilupp ta' sħubijiet u networks ta' skambju bejn l-intrapriżi, il-fornituri tal-VET u l-organizzazzjonijiet intermedjarji biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-apprendistati, b'mod partikolari għall-SMEs b'kapaċità amministrattiva u organizzattiva limitata;

Or. en

Emenda 112
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jinnota l-importanza li jissaħħu l-kollaborazzjoni u l-kuntatt bejn l-ETV u l-istudenti tal-edukazzjoni akkademika; iqis li l-iffaċilitar ta' ambjenti ta' tagħlim konġunti, proġetti kondiviżi, u skambji regolari bejn iż-żewġ gruppi jista' jtejjeb il-fehim reċiproku, jappoġġja perkorsi ta' progressjoni aktar faċli, u jrawwem ekosistemi ta' tagħlim aktar innovattivi u inklużivi; jistieden lill-Kummissjoni tesplora proġett pilota tal-Erasmus+ għal proġetti ta' mobbiltà internazzjonali transsettorjali għall-VET u għall-istudenti akkademiċi;

Or. en

Emenda 113
Angelika Winzig, Eleonora Meleti, Miriam Lexmann, Andrea Wechsler, Romana Tomc, Andrzej Buła, Martine Kemp, Henrik Dahl, Letizia Moratti, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq l-istrutturi, l-għarfien espert u s-sħubijiet Ewropej u nazzjonali eżistenti meta timplimenta l-Unjoni tal-Ħiliet, filwaqt li tevita kumplessità amministrattiva bla bżonn u tiżgura l-użu effiċjenti tar-riżorsi;

Or. en

Emenda 114
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7d. Iqis il-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza attiva tal-istudenti bħala vitali għal governanza effettiva fl-istituzzjonijiet edukattivi kollha; jiddispjaċih li l-istituzzjonijiet tal-VET spiss ma jkollhomx involviment xieraq tal-istudenti fl-organi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom, u l-istudenti tal-VET spiss ikollhom protezzjoni legali dgħajfa tad-drittijiet tagħhom li jkunu rappreżentati; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw dispożizzjonijiet legali għall-parteċipazzjoni tal-istudenti; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tappoġġja l-iżvilupp ta' network Ewropew ta' rappreżentanza tal-istudenti tal-VET;

Or. en

Emenda 115
Angelika Winzig, Eleonora Meleti, Andrea Wechsler, Romana Tomc, Andrzej Buła, Martine Kemp, Henrik Dahl, Letizia Moratti, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7d. Jilqa' l-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex tiffaċilita l-mobbiltà transfruntiera u l-portabbiltà tal-ħiliet, inkluż permezz tal-Inizjattiva li jmiss dwar il-Portabbiltà tal-Ħiliet u permezz tad-diġitalizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, b'mod partikolari permezz ta' inizjattivi bħall-Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali (ESSPASS) u l-qafas tad-Dikjarazzjoni elettronika, bil-ħsieb li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u tiġi ffaċilitata l-mobbiltà għall-istudenti, il-ħaddiema u l-impjegaturi madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 116
Brigitte van den Berg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7e. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-Livell 5 tal-EQF bħala perkors ta' kwalifika koerenti u rikonoxxut fil-livell terzjarju; jenfasizza l-ħtieġa ta' konsistenza akbar fir-rwol u l-viżibbiltà tagħha fl-Istati Membri kollha; jisħaq fuq l-importanza ta' rotot ċari ta' progressjoni, arranġamenti msaħħa għat-trasferiment tal-krediti u permeabbiltà mtejba bejn il-VET u s-sistemi tal-

edukazzjoni għolja, filwaqt li jenfasizza wkoll li l-livelli 3 u 4 tal-EQF għandhom jiġu rikonoxxuti bħala livell ta' kwalifika apprezzat u komplut għall-istudenti li jixtiequ jidħlu fis-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 117
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex ***jinvestu b'mod suffiċjenti fil-VET billi jingħataw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fis-Semestru*** Ewropew ***u billi jiġu allokati*** finanzjament ***tal-UE***; ifakkar fl-investiment b'suċċess, fl-ambitu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta,fl-ekonomiji lokali permezz ta' taħlita ta' finanzjament għall-ħiliet u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jirrakkomanda li dan l-eżempju jiġi segwit fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, sabiex jiġi promoss il-VET;	8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex ***iżidu b'mod sostanzjali l-investiment pubbliku fil-VET permezz tas-Semestru*** Ewropew***, il-politika ta' koeżjoni u strumenti ta'*** finanzjament ***iddedikati tal-Unjoni; jenfasizza li l-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja m'għandux jiddependi fuq il-ġid reġjonali jew il-kapaċità fiskali lokali***; ifakkar fl-investiment b'suċċess, fl-ambitu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta,fl-ekonomiji lokali permezz ta' taħlita ta' finanzjament għall-ħiliet u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jirrakkomanda li dan l-eżempju jiġi segwit fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, sabiex jiġi promoss il-VET;

Or. en

Emenda 118
Angelika Winzig, Eleonora Meleti, Miriam Lexmann, Andrea Wechsler, Romana Tomc, Andrzej Buła, Martine Kemp, Henrik Dahl, Letizia Moratti, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex jinvestu b'mod suffiċjenti fil-VET billi jingħataw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fis-Semestru Ewropew u ***billi jiġu allokati*** finanzjament tal-UE; ifakkar fl-investiment b'suċċess, fl-ambitu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta,fl-ekonomiji lokali permezz ta' taħlita ta' finanzjament għall-ħiliet u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jirrakkomanda li dan l-eżempju jiġi segwit fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, sabiex jiġi promoss il-VET;	8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex jinvestu b'mod suffiċjenti fil-VET billi jingħataw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fis-Semestru Ewropew u ***permezz tal-użu effettiv tal-istrumenti ta'*** finanzjament ***disponibbli*** tal-UE; ifakkar fl-investiment b'suċċess, fl-ambitu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta,fl-ekonomiji lokali permezz ta' taħlita ta' finanzjament għall-ħiliet u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jirrakkomanda li dan l-eżempju jiġi segwit fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, sabiex jiġi promoss il-VET;
	Or. en

Emenda 119
Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex jinvestu b'mod suffiċjenti fil-VET billi jingħataw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ***fis-Semestru Ewropew*** u billi jiġu allokati finanzjament tal-UE; ifakkar fl-investiment b'suċċess, fl-ambitu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta,fl-ekonomiji lokali permezz ta' taħlita ta' finanzjament għall-ħiliet u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jirrakkomanda li dan l-eżempju jiġi segwit fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, sabiex jiġi promoss il-VET;	8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex jinvestu b'mod suffiċjenti fil-VET billi jingħataw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u billi jiġu allokati finanzjament tal-UE; ifakkar fl-investiment b'suċċess, fl-ambitu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta,fl-ekonomiji lokali permezz ta' taħlita ta' finanzjament għall-ħiliet u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jirrakkomanda li dan l-eżempju jiġi segwit fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, sabiex jiġi promoss il-VET;
	Or. en

Emenda 120
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex jinvestu b'mod suffiċjenti fil-VET billi jingħataw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fis-Semestru Ewropew u billi jiġu allokati finanzjament tal-UE; ifakkar fl-investiment b'suċċess, fl-ambitu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta,fl-ekonomiji lokali permezz ta' taħlita ta' finanzjament għall-ħiliet u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jirrakkomanda li dan l-eżempju jiġi segwit fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, sabiex jiġi promoss il-VET;	8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex jinvestu b'mod suffiċjenti fil-VET billi jingħataw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fis-Semestru Ewropew u billi jiġu allokati finanzjament tal-UE; ifakkar fl-investiment b'suċċess, fl-ambitu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta,fl-ekonomiji lokali permezz ta' taħlita ta' finanzjament għall-ħiliet u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ***u soċjali***, u jirrakkomanda li dan l-eżempju jiġi segwit fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, sabiex jiġi promoss il-VET; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li tali miżuri jkunu inkorporati fi strateġiji ta' tranżizzjoni ġusta u appoġġjati minn finanzjament pubbliku adegwat, djalogu soċjali u aċċess għal taħriġ ta' kwalità matul il-ħajja tax-xogħol;***

Or. en

Emenda 121
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Elena Donazzan, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex jinvestu b'mod suffiċjenti fil-VET billi jingħataw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fis-Semestru Ewropew u billi jiġu allokati finanzjament tal-UE; ifakkar fl-investiment b'suċċess, fl-ambitu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta,fl-ekonomiji lokali permezz ta' taħlita ta' finanzjament għall-	8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex jinvestu b'mod suffiċjenti fil-VET billi jingħataw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fis-Semestru Ewropew u billi jiġu allokati finanzjament tal-UE; ifakkar fl-investiment b'suċċess, fl-ambitu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta,fl-ekonomiji lokali permezz ta' taħlita ta' finanzjament għall-

ħiliet u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jirrakkomanda li dan l-eżempju jiġi segwit fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, sabiex jiġi promoss il-VET;	ħiliet u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jirrakkomanda li dan l-eżempju jiġi segwit fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, sabiex jiġi promoss il-VET; ***u jisħaq li l-investimenti għandhom ikunu mmirati lejn setturi li jesperjenzaw nuqqas persistenti ta' ħaddiema u rilevanza industrijali strateġika;***

Or. en

Emenda 122
Pál Szekeres, Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex jinvestu b'mod suffiċjenti fil-VET billi jingħataw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fis-Semestru Ewropew u billi jiġu allokati finanzjament tal-UE; ifakkar fl-investiment b'suċċess, fl-ambitu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta,fl-ekonomiji lokali permezz ta' taħlita ta' finanzjament għall-ħiliet u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jirrakkomanda li dan l-eżempju ***jiġi segwit*** fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, sabiex jiġi promoss il-VET;	8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex jinvestu b'mod suffiċjenti fil-VET billi jingħataw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fis-Semestru Ewropew u billi jiġu allokati finanzjament tal-UE; ifakkar fl-investiment b'suċċess, fl-ambitu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta,fl-ekonomiji lokali permezz ta' taħlita ta' finanzjament għall-ħiliet u għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u jirrakkomanda li dan l-eżempju ***jitqies*** fl-ambitu tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri, sabiex jiġi promoss il-VET;

Or. en

Emenda 123
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq

Strateġija Ewropea ambizzjuża dwar il-VET; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinvolvi b'mod sistematiku lis-sħab soċjali u lill-fornituri tal-VET fi stadju bikri fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-governanza tal-politiki tal-VET; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jemendaw ir-Regolament li jistabbilixxi s-Cedefop biex jiżguraw li l-fornituri tal-VET ikunu involuti b'mod sistematiku fl-istrutturi ta' governanza u ta' konsulenza tiegħu; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti rwol ta' Membru lir-rappreżentanzi tal-fornituri tal-VET fil-Kumitat Konsultattiv dwar it-Taħriġ Vokazzjonali u l-Bord tal-Ħiliet ta' Livell Għoli;

Or. en

Emenda 124
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jappella, barra minn hekk, għal investiment pubbliku sostnut fis-sistemi tal-VET, b'attenzjoni partikolari għar-reġjuni li qed jiffaċċjaw sfidi strutturali tas-suq tax-xogħol, nuqqas ta' ħiliet jew aċċess limitat għal opportunitajiet ta' taħriġ, inklużi żoni rurali, remoti, ultraperiferiċi, deindustrijalizzati u ekonomikament żvantaġġjati, sabiex jissaħħu l-ekosistemi tal-ħiliet lokali u jiġu appoġġjati effetti konsegwenzjali pożittivi fuq l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-koeżjoni territorjali;

Or. en

Emenda 125
Benedetta Scuderi

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Jisħaq li -investiment tal-Unjoni fis-setturi strateġiċi u fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali jista' jilħaq l-impatt sħiħ tiegħu biss meta l-ħaddiema, l-apprendituri u l-impjegaturi jkollhom l-aċċess għall-ħiliet meħtieġa biex ivaraw, joperaw u jespandu teknoloġiji ġodda; ifakkar li d-diskrepanzi persistenti fil-ħiliet jirriflettu nuqqas ta' investiment fit-tul fit-taħriġ, koordinazzjoni dgħajfa u aċċess mhux uniformi għal opportunitajiet ta' tagħlim ta' kwalità, u jistgħu jdewmu l-użu industrijali, jillimitaw l-innovazzjoni u jdgħajfu l-kompetittività tal-Unjoni; jissottolinja għalhekk li l-appoġġ għall-VET, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għandhom jiffurmaw parti integrali mill-istrumenti ta' investiment u ta' politika rilevanti kollha tal-Unjoni, inkluż permezz ta' sehem sinifikanti u prevedibbli ta' riżorsi ddedikati għall-iżvilupp tal-ħiliet, l-għoti ta' taħriġ u l-adattament tal-forza tax-xogħol f'kull programm jew tieqa ta' politika rilevanti;

Or. en

Emenda 126
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jappoġġja s-sħubijiet ***fil-livell tal-UE u dak nazzjonali*** bejn l-impjegaturi ***u l-fornituri tal-VET*** biex jittejbu r-rilevanza u l-kwalità tal-kurrikuli tal-VET; ***jappella biex il-fornituri tal-VET jintrabtu ma'***	9. Jappoġġja s-sħubijiet bejn l-impjegaturi***, il-fornituri tal-VET, it-trade unions u l-awtoritajiet pubbliċi*** biex jittejbu r-rilevanza u l-kwalità tal-kurrikuli tal-VET; ***jisħaq li s-sħab soċjali għandu***

raggruppamenti reġjonali tal-industrija u tat-teknoloġija;	***jkollhom rwol ċentrali fl-iżvilupp tal-kurrikuli, fl-istandards tal-apprendistati u fit-tbassir tal-ħiliet***;

Or. en

Emenda 127
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Elena Donazzan, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jappoġġja s-sħubijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali bejn l-impjegaturi u l-fornituri tal-VET biex jittejbu r-rilevanza u l-kwalità tal-kurrikuli tal-VET; jappella biex il-fornituri tal-VET jintrabtu ma' raggruppamenti reġjonali tal-industrija u tat-teknoloġija;	9. Jappoġġja s-sħubijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali bejn l-impjegaturi u l-fornituri tal-VET biex jittejbu r-rilevanza u l-kwalità tal-kurrikuli tal-VET; jappella biex il-fornituri tal-VET jintrabtu ma' raggruppamenti reġjonali tal-industrija u tat-teknoloġija; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu vvalutati l-fornituri lokali tal-VET, bħall-iskejjel, l-istituti tekniċi, u ċ-ċentri ta' taħriġ akkreditati, peress li dawn iservu bħala r-rabta vitali bejn l-istudenti u s-suq tax-xogħol lokali; jissottolinja li, minħabba l-fehim profond tagħhom tal-ħtiġijiet lokali speċifiċi, dawn jirrappreżentaw l-aktar mezzi effettivi biex id-domanda edukattiva tiġi allinjata mannisġa produttiva reġjonali, b'enfasi partikolari fuq l-SMEs;***

Or. en

Emenda 128
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jappoġġja s-sħubijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali bejn l-impjegaturi u l-	9. Jappoġġja s-sħubijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali bejn l-impjegaturi u l-

fornituri tal-VET biex jittejbu r-rilevanza u l-kwalità tal-kurrikuli tal-VET; jappella biex il-fornituri tal-VET jintrabtu ma' raggruppamenti reġjonali tal-industrija u tat-teknoloġija;	fornituri tal-VET ***u r-rappreżentanti tal-istudenti, l-apprendisti, l-għalliema, u l-partijiet ikkonċernati edukattivi l-oħra kollha,*** biex jittejbu r-rilevanza u l-kwalità tal-kurrikuli tal-VET***, inkluż billi jiġu pprovduti opportunitajiet ta' apprendistat ta' kwalità għolja***; jappella biex il-fornituri tal-VET jintrabtu ma' raggruppamenti reġjonali tal-industrija u tat-teknoloġija; ***ifakkar fil-ħtieġa li jiġu żgurati salarji u kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati għall-għalliema u l-ħarrieġa fil-VET biex tittejjeb l-attraenza tal-professjoni; jitlob li jitwessgħu l-possibbiltajiet għall-għalliema u l-ħarrieġa ibridi fil-VET;***
	Or. en

Emenda 129
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jappoġġja s-sħubijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali bejn l-impjegaturi u l-fornituri tal-VET biex jittejbu r-rilevanza u l-kwalità tal-kurrikuli tal-VET; jappella biex il-fornituri tal-VET jintrabtu ma' raggruppamenti reġjonali tal-industrija u tat-teknoloġija;	9. Jappoġġja s-sħubijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali bejn l-impjegaturi u l-fornituri tal-VET biex jittejbu r-rilevanza u l-kwalità tal-kurrikuli tal-VET; ***jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-istrateġija tal-VET li jmiss tappoġġja lill-Istati Membri u lill-fornituri tal-VET fl-iżgurar li l-programmi u l-kredenzjali kollha tal-VET, inklużi l-programmi ta' tagħlim modulari, speċifiċi għall-kompiti u diġitali, jissodisfaw il-kriterji u l-istandards definiti fis-sistemi rilevanti ta' assigurazzjoni tal-kwalità rikonoxxuti sew;*** jappella biex il-fornituri tal-VET jintrabtu ma' raggruppamenti reġjonali tal-industrija u tat-teknoloġija;
	Or. en

Emenda 130

Romana Jerković, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Marianne Vind, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jappoġġja s-sħubijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali bejn l-impjegaturi ***u l-fornituri tal-VET*** biex jittejbu r-rilevanza u l-kwalità tal-kurrikuli tal-VET; jappella biex il-fornituri tal-VET jintrabtu ma' raggruppamenti reġjonali tal-industrija u tat-teknoloġija;	9. ***Jappella għat-tisħiħ tad-djalogu soċjali dwar il-politiki tal-VET u tal-apprendistat u għal kooperazzjoni effettiva mat-trade unions tal-edukazzjoni sabiex tittejjeb l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim tal-VET u jiġi indirizzat in-nuqqas ta' għalliema u ħarrieġa tal-VET;*** jappoġġja s-sħubijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali bejn l-impjegaturi***, il-fornituri tal-VET u s-sħab soċjali*** biex jittejbu r-rilevanza u l-kwalità tal-kurrikuli tal-VET; jappella biex il-fornituri tal-VET jintrabtu ma' raggruppamenti reġjonali tal-industrija u tat-teknoloġija;

Or. en

Emenda 131
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jappoġġja s-sħubijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali bejn l-impjegaturi u l-fornituri tal-VET ***biex*** jittejbu r-rilevanza u l-kwalità tal-kurrikuli tal-VET; jappella biex il-fornituri tal-VET jintrabtu ma' raggruppamenti reġjonali tal-industrija u tat-teknoloġija;	9. Jappoġġja s-sħubijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali bejn l-impjegaturi u l-fornituri tal-VET***, is-sħab soċjali, it-trade unions, is-servizzi tal-impjiegi, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex*** jittejbu r-rilevanza u l-kwalità tal-kurrikuli tal-VET; jappella biex il-fornituri tal-VET jintrabtu ma' raggruppamenti reġjonali tal-industrija u tat-teknoloġija;

Or. en

Emenda 132
Angelika Winzig, Eleonora Meleti, Andrea Wechsler, Romana Tomc, Andrzej Buła, Martine Kemp, Henrik Dahl, Letizia Moratti, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jappoġġja s-sħubijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali bejn l-impjegaturi ***u l-fornituri tal-VET*** biex jittejbu r-rilevanza u l-kwalità tal-kurrikuli tal-VET; jappella biex il-fornituri tal-VET jintrabtu ma' raggruppamenti reġjonali tal-industrija u tat-teknoloġija;	9. Jappoġġja s-sħubijiet fil-livell tal-UE u dak nazzjonali bejn l-impjegaturi***, il-fornituri tal-VET u speċjalment is-sħab soċjali*** biex jittejbu r-rilevanza u l-kwalità tal-kurrikuli tal-VET; jappella biex il-fornituri tal-VET jintrabtu ma' raggruppamenti reġjonali tal-industrija u tat-teknoloġija;

Or. en

Emenda 133
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jissottolinja li ċ-ĊentrI ta' Eċċellenza Vokazzjonali (CoVEs) għandhom jitqiegħdu fil-qalba tal-iżvilupp futur tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fl-Ewropa, bħala muturi ewlenin tar-riforma strutturali, l-innovazzjoni, ir-rikonoxximent u l-modernizzazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-perkorsi ta' investiment fit-tul għas-CoVEs u tiffinanzjahom fuq bażi ugwali għall-Alleanzi tal-Universitajiet Ewropej; jisħaq li s-CoVEs ilaqqgħu flimkien lill-fornituri tal-edukazzjoni, lin-negozji, lill-awtoritajiet reġjonali u lis-sħab soċjali biex jindirizzaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, irawmu l-innovazzjoni, isaħħu l-kompetittività reġjonali u jappoġġjaw it-

tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali; jappella għal evalwazzjoni indipendenti tas-CoVEs;

Or. en

Emenda 134
Angelika Winzig, Eleonora Meleti, Miriam Lexmann, Andrea Wechsler, Romana Tomc, Andrzej Buła, Martine Kemp, Henrik Dahl, Letizia Moratti, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jirrikonoxxi li l-intrapriżi għandhom rwol ċentrali fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, b'mod partikolari fis-sistemi ta' taħriġ doppju, billi jipprovdu ambjenti ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol, jittrażmettu ħiliet u kompetenzi aġġornati u jappoġġjaw l-innovazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu r-rwol u l-viżibbiltà tal-intrapriżi bħala postijiet ewlenin ta' tagħlim fis-sistemi tal-VET;

Or. en

Emenda 135
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jindirizzaw l-ispariġġ fil-ħiliet billi jsaħħu l-kooperazzjoni bejn il-fornituri tal-VET u l-impjegaturi, inkluż permezz ta' awditi tal-ħiliet fil-livell tal-post tax-xogħol u tfassil ta' profili tal-kompetenzi biex jiġu identifikati l-ħiliet u l-kompetenzi eżistenti, jiġu rikonoxxuti b'formali, u jiġi ddeterminat fejn huwa

meħtieġ aktar taħriġ;

Or. en

Emenda 136
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jisħaq li n-nuqqas ta' għalliema u ħarrieġa tal-VET huwa ostaklu kbir għal edukazzjoni vokazzjonali ta' kwalità għolja; jistieden lill-Istati Membri jinvestu fir-reklutaġġ, fl-iżvilupp professjonali kontinwu, fil-pagi u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti;

Or. en

Emenda 137
Angelika Winzig, Eleonora Meleti, Miriam Lexmann, Andrea Wechsler, Romana Tomc, Andrzej Buła, Martine Kemp, Henrik Dahl, Letizia Moratti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Iħeġġeġ l-iżvilupp ulterjuri taċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali bħala pjattaformi għall-kooperazzjoni bejn il-fornituri tal-edukazzjoni, l-intrapriżi, l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-ekosistemi tal-innovazzjoni reġjonali bl-għan li jissaħħu l-iżvilupp tal-ħiliet, il-kapaċità tal-innovazzjoni u l-kompetittività f'setturi strateġiċi, filwaqt li tiġi appoġġjata l-valutazzjoni regolari tal-effettività u l-kontribut tagħhom għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 138
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jiċċelebra l-impenn dejjem ikbar tal-Istati Membri biex jistabbilixxu u jsaħħu l-inizjattivi nazzjonali tas-CoVEs; jinnota f'dan ir-rigward l-inizjattivi stabbiliti minn Franza, in-Netherlands, Spanja, l-Italja, id-Danimarka, il-Polonja u s-Slovakkja fl-iżvilupp jew fil-pilotaġġ ta' oqfsa nazzjonali tas-CoVEs flimkien mal-parteċipazzjoni tagħhom fl-ekosistema Ewropea tas-CoVEs; iħeġġeġ lil Stati Membri oħra jsegwu l-eżempju tagħhom;

Or. en

Emenda 139
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jisħaq li l-attraenza fit-tul tal-okkupazzjonijiet vokazzjonali tiddependi fuq l-eżistenza ta' sistemi ta' negozjar kollettiv li kapaċi jiżguraw pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri, progressjoni tal-karriera u trattament ugwali għall-ħaddiema fis-setturi kollha;

Or. en

Emenda 140
Pál Szekeres, Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jappella għal inklużjoni usa' tal-VET fil-politiki u fil-programmi eżistenti tal-UE; iħeġġeġ integrazzjoni aħjar tal-korpi tal-VET fl-iżvilupp ta' politiki ta' innovazzjoni biex jissaħħu t-tixrid u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi fis-setturi kollha; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-investiment fil-ħiliet f'setturi strateġiċi fl-ambitu tat-twieqi ta' politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività propost;	10. Jappella għal inklużjoni usa' tal-VET fil-politiki u fil-programmi eżistenti tal-UE; iħeġġeġ integrazzjoni aħjar tal-korpi tal-VET fl-iżvilupp ta' politiki ta' innovazzjoni biex jissaħħu t-tixrid u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi fis-setturi kollha; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-investiment fil-ħiliet f'setturi strateġiċi fl-ambitu tat-twieqi ta' politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività propost; ***jappella wkoll għal strateġiji li jiffaċilitaw l-aċċess għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, inkluża r-reġistrazzjoni ta' privattivi, trademarks, disinji industrijali u drittijiet oħra tal-proprjetà intellettwali, mhux biss għall-gradwati universitarji u r-riċerkaturi akkademiċi iżda wkoll għall-istudenti, il-gradwati u l-professjonisti b'livell għoli ta' ħiliet tal-VET, filwaqt li jirrikonoxxi l-kontribut sinifikanti tagħhom lill-innovazzjoni applikata, l-iżvilupp teknoloġiku u l-kompetittività industrijali madwar l-Unjoni;***

Or. en

Emenda 141
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Elena Donazzan, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jappella għal inklużjoni usa' tal-VET fil-politiki u fil-programmi eżistenti tal-UE; iħeġġeġ integrazzjoni aħjar tal-korpi tal-VET fl-iżvilupp ta' politiki ta' innovazzjoni biex jissaħħu t-tixrid u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi fis-setturi kollha; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi	10. Jappella għal inklużjoni usa' tal-VET fil-politiki u fil-programmi eżistenti tal-UE; iħeġġeġ integrazzjoni aħjar tal-korpi tal-VET fl-iżvilupp ta' politiki ta' innovazzjoni biex jissaħħu t-tixrid u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi fis-setturi kollha; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi

appoġġjat l-investiment fil-ħiliet f'setturi strateġiċi fl-ambitu tat-twieqi ta' politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività propost;	appoġġjat l-investiment fil-ħiliet f'setturi strateġiċi fl-ambitu tat-twieqi ta' politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività propost; ***jitlob speċifikament li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni vokazzjonali terzjarja fil-Livell 5 tal-ISCED u fil-Livelli 5 u 6 tal-EQF jiġu integrati fl-ekosistemi Ewropej tar-riċerka u l-innovazzjoni bħala fornituri ta' ħiliet tekniċi speċjalizzati;***
	jappella, barra minn hekk, għal involviment aktar b'saħħtu tal-SMEs, in-negozji tal-familja u d-distretti produttivi lokali fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' programmi ta' taħriġ vokazzjonali.
	Or. en

Emenda 142
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jappella għal inklużjoni usa' tal-VET fil-politiki u fil-programmi eżistenti tal-UE; iħeġġeġ integrazzjoni ***aħjar tal-korpi tal-VET fl-iżvilupp ta' politiki*** ta' innovazzjoni ***biex jissaħħu t-tixrid u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi fis-setturi kollha***; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-investiment fil-ħiliet f'setturi strateġiċi fl-ambitu tat-twieqi ta' politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività propost;	10. Jappella għal inklużjoni usa' tal-VET fil-politiki u fil-programmi eżistenti tal-UE; iħeġġeġ integrazzjoni ***aktar profonda tal-istituzzjonijiet tal-VET fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki*** ta' innovazzjoni***, sabiex jitħaffef l-adattament u l-espansjoni tal-innovazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-involviment attiv tal-istituzzjonijiet tal-VET fis-sejħiet ta' Orizzont Ewropa, b'mod partikolari fi proġetti f'livelli ogħla ta' tħejjija teknoloġika fejn l-implimentazzjoni, l-ittestjar u l-iskalar f'ambjenti tad-dinja reali minn professjonisti mħarrġa fil-VET huma kritiċi għall-impatt***; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-investiment fil-ħiliet f'setturi strateġiċi fl-ambitu tat-twieqi ta' politika tal-Fond Ewropew għall-

Kompetittività propost;

Or. en

Emenda 143
Romana Jerković, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Marianne Vind, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jappella għal inklużjoni usa' tal-VET fil-politiki u fil-programmi eżistenti tal-UE; iħeġġeġ integrazzjoni aħjar tal-korpi tal-VET fl-iżvilupp ta' politiki ta' innovazzjoni biex jissaħħu t-tixrid u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi fis-setturi kollha; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-investiment fil-ħiliet f'setturi strateġiċi fl-ambitu tat-twieqi ta' politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività propost;	10. Jappella għal inklużjoni usa' tal-VET fil-politiki u fil-programmi eżistenti tal-UE; iħeġġeġ integrazzjoni aħjar tal-korpi tal-VET fl-iżvilupp ta' politiki ta' innovazzjoni biex jissaħħu t-tixrid u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi fis-setturi kollha; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-investiment fil-ħiliet f'setturi strateġiċi fl-ambitu tat-twieqi ta' politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività propost; ***jissottolinja li l-aċċess għall-fondi tal-UE u strumenti oħra għandu jkun kundizzjonali fuq il-konformità tal-kumpaniji mal-kundizzjonalitajiet soċjali, ir-rispett tad-drittijiet tat-trade unions, l-istandards ta' kwalità tal-apprendistati, u l-investiment dimostrabbli fil-ħiliet tal-ħaddiema u t-taħriġ ta' kwalità;***

Or. en

Emenda 144
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jappella għal inklużjoni usa' tal-VET fil-politiki u fil-programmi eżistenti tal-UE; iħeġġeġ integrazzjoni aħjar tal-korpi tal-VET fl-iżvilupp ta' politiki ta'	10. Jappella għal inklużjoni usa' tal-VET fil-politiki u fil-programmi eżistenti tal-UE; iħeġġeġ integrazzjoni aħjar tal-korpi tal-VET fl-iżvilupp ta' politiki ta'

innovazzjoni biex jissaħħu t-tixrid u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi fis-setturi kollha; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-investiment fil-ħiliet f'setturi strateġiċi fl-ambitu tat-twieqi ta' politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività propost;	innovazzjoni biex jissaħħu t-tixrid u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi fis-setturi kollha; jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-investiment fil-ħiliet f'setturi strateġiċi fl-ambitu tat-twieqi ta' politika tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività propost; ***jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-finanzjament pubbliku u l-akkwist pubbliku fis-setturi intensivi fil-VET kundizzjonali fuq il-konformità mal-ftehimiet kollettivi applikabbli u fuq il-forniment ta' apprendistatI u postijiet ta' taħriġ ta' kwalità;***
	Or. en

Emenda 145
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni fl-iżvilupp ta' ambjenti, kurrikuli u prattiki ta' tagħlim tal-VET li jirrispondu għall-ħtiġijiet li jirriżultaw mit-trasformazzjoni ekoloġika, filwaqt li jiżguraw li suġġetti bħall-ekonomija ċirkolari, l-effiċjenza enerġetika u t-tranżizzjoni tal-enerġija jiġu indirizzati b'mod adegwat, u li l-professjonisti futuri jkunu mgħammra bl-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jixprunaw it-trasformazzjoni sostenibbli fl-industriji u n-negozji kollha;
	Or. en

Emenda 146
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Istati Membri jippożizzjonaw l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bħala pedament tal-iżvilupp tal-ħiliet billi jisfruttaw il-QFP li jmiss biex jiffinanzjaw it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid taż-żgħażagħ f'setturi strateġiċi sostenibbli bħas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-ekonomija ċirkolari u r-restawr ekoloġiku; jenfasizza l-potenzjal tal-VET li jipprovdu impjiegi ekoloġiċi ta' kwalità u opportunitajiet tal-ekonomija soċjali inklużi kooperattivi, servizzi ta' kura u tranżizzjonijiet immexxija mill-komunità għaż-żgħażagħ b'anqas opportunitajiet;

Or. en

Emenda 147
Romana Jerković, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Marianne Vind, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw in-nuqqas dejjem jikber ta' għalliema, ħarrieġa u mentors tal-VET billi jtejbu l-attraenza tal-professjoni permezz ta' remunerazzjoni adegwata, kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità, żvilupp professjonali kontinwu u opportunitajiet ċari ta' żvilupp tal-karriera; jisħaq fuq l-importanza li jiġu appoġġjati l-iskambji bejn l-istituzzjonijiet tal-VET u s-suq tax-xogħol biex jiġi żgurat li l-kurrikuli tat-tagħlim jibqgħu aġġornati mal-iżviluppi tas-suq tax-xogħol;

Or. en

Emenda 148
Romana Jerković, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Marianne Vind, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq li l-IA u l-awtomatizzazzjoni wasslu għal ħtieġa akbar ta' taħriġ mill-ġdid; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza dejjem akbar ta' taħriġ aċċessibbli għall-ħaddiema kollha għall-karrieri attwali jew alternattivi tagħhom;	11. Jisħaq li l-IA u l-awtomatizzazzjoni wasslu għal ħtieġa akbar ta' taħriġ mill-ġdid; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza dejjem akbar ta' taħriġ aċċessibbli għall-ħaddiema kollha għall-karrieri attwali jew alternattivi tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li tali taħriġ ikun disponibbli matul il-ħin tax-xogħol u mingħajr ħlas għall-ħaddiema; jitlob, barra minn hekk, leġiżlazzjoni tal-UE li tistabbilixxi dritt universali għat-taħriġ għall-ħaddiema kollha, ankrat b'mod sod fil-Prinċipju 1 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; jisħaq li din il-leġiżlazzjoni għandha tiggarantixxi aċċess għal taħriġ tal-impjegati ta' kwalità u inklużiv għall-ħaddiema kollha irrispettivament mis-sitwazzjoni kuntrattwali tagħhom jew mid-daqs tal-kumpaniji li jaħdmu fihom;***

Or. en

Emenda 149
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq li l-IA u l-awtomatizzazzjoni wasslu għal ħtieġa akbar ta' taħriġ mill-ġdid; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza dejjem akbar ta' taħriġ aċċessibbli għall-ħaddiema kollha għall-karrieri attwali jew alternattivi tagħhom;	11. Jisħaq li l-IA u l-awtomatizzazzjoni wasslu għal ħtieġa akbar ta' taħriġ mill-ġdid; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza dejjem akbar ta' taħriġ aċċessibbli għall-ħaddiema kollha għall-karrieri attwali jew alternattivi tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi u***

tappoġġja d-dritt suġġettiv individwali tal-ħaddiema Ewropej kollha għat-tagħlim tul il-ħajja, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, kif propost fir-rapport ta' Draghi dwar il-kompetittività Ewropea;

Or. en

Emenda 150
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq li l-IA u l-awtomatizzazzjoni wasslu għal ħtieġa akbar ta' taħriġ mill-ġdid; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza dejjem akbar ta' taħriġ aċċessibbli għall-ħaddiema kollha għall-karrieri attwali jew alternattivi tagħhom;	11. Jisħaq li l-IA u l-awtomatizzazzjoni wasslu għal ħtieġa akbar ta' taħriġ mill-ġdid; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza dejjem akbar ta' taħriġ aċċessibbli għall-ħaddiema kollha għall-karrieri attwali jew alternattivi tagħhom; ***jenfasizza li l-ħaddiema kollha għandu jkollhom dritt infurzabbli għal taħriġ imħallas matul il-ħin tax-xogħol, appoġġjat mill-impjegaturi u mill-awtoritajiet pubbliċi fejn xieraq;***

Or. en

Emenda 151
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Elena Donazzan, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq li ***l-IA*** u l-awtomatizzazzjoni ***wasslu għal ħtieġa akbar ta'*** taħriġ mill-ġdid; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza dejjem akbar ta' taħriġ aċċessibbli għall-ħaddiema kollha għall-karrieri attwali jew alternattivi tagħhom;	11. Jisħaq li ***l-innovazzjoni teknoloġika, inklużi l-intelliġenza artifiċjali*** u l-awtomatizzazzjoni***, tirrikjedi titjib tal-ħiliet u*** taħriġ mill-ġdid ***kontinwi filwaqt li jiġi żgurat li l-ħaddiema jibqgħu adattabbli matul il-karriera professjonali tagħhom***; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-

importanza dejjem akbar ta' taħriġ aċċessibbli għall-ħaddiema kollha għall-karrieri attwali jew alternattivi tagħhom;

Or. en

Emenda 152
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq li l-IA u l-awtomatizzazzjoni wasslu għal ħtieġa akbar ta' taħriġ mill-ġdid; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza dejjem akbar ta' taħriġ aċċessibbli għall-ħaddiema kollha għall-karrieri attwali jew alternattivi tagħhom;	11. Jisħaq li l-IA***, it-tranżizzjoni ekoloġika, id-diġitalizzazzjoni*** u l-awtomatizzazzjoni wasslu għal ħtieġa akbar ta' taħriġ mill-ġdid; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza dejjem akbar ta' taħriġ aċċessibbli***, ħiliet bażiċi, ta' sostenibbiltà u diġitali*** għall-ħaddiema kollha għall-karrieri attwali jew alternattivi tagħhom;

Or. en

Emenda 153
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jisħaq li l-IA ***u*** l-awtomatizzazzjoni wasslu għal ħtieġa akbar ta' taħriġ mill-ġdid; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza dejjem akbar ta' taħriġ aċċessibbli għall-ħaddiema kollha għall-karrieri attwali jew alternattivi tagħhom;	11. Jisħaq li l-IA***,*** l-awtomatizzazzjoni ***u t-tranżizzjoni ekoloġika*** wasslu għal ħtieġa akbar ta' taħriġ mill-ġdid; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza dejjem akbar ta' taħriġ aċċessibbli għall-ħaddiema kollha ***mingħajr ebda kost u waqt il-ħinijiet tax-xogħol*** għall-karrieri attwali jew alternattivi tagħhom;

Or. en

Emenda 154
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jenfasizza li l-SMEs huma atturi ċentrali fis-sistemi Ewropej tal-VET, u jipprovdu sehem sinifikanti ta' apprendistati, traineeships u opportunitajiet ta' tagħlim fuq il-post tax-xogħol; jirrikonoxxi, madankollu, li l-SMEs spiss jiffaċċjaw restrizzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u organizzattivi u għalhekk jappella għal implimentazzjoni favur l-SMEs tal-inizjattivi Ewropej tal-VET, inklużi pożijiet amministrattivi mnaqqsa u mekkaniżmi ta' assistenza prattika biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni kontinwa u estiża tagħhom fl-ekosistemi tal-iżvilupp tal-ħiliet bħas-CoVEs.

Or. en

Emenda 155
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11b. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jappoġġjaw aktar milli jillimitaw l-investimenti fil-ħiliet, it-tagħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari billi jespandu l-possibbiltajiet skont il-GBER u l-oqfsa relatati biex jiġu ffinanzjati attivitajiet ta' taħriġ u ekosistemi tal-ħiliet; Jisħaq li d-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom jiffaċilitaw

il-kooperazzjoni bejn il-fornituri pubbliċi tal-VET u s-sħab privati, inklużi l-kumpaniji, l-organizzazzjonijiet settorjali u l-fornituri tat-taħriġ, fejn tali kooperazzjoni sservi objettiv edukattiv, soċjali jew ta' innovazzjoni ċar.

Or. en

Emenda 156
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jiżguraw remunerazzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti ***għall-apprendistati u l-internships*** fil-VET sabiex itejbu l-attraenza, il-kwalità u l-inklużività tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol;	12. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jiżguraw remunerazzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti ***għall-apprendisti u għall-interns*** fil-VET sabiex itejbu l-attraenza, il-kwalità u l-inklużività tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol; ***jappella għal sistemi tal-VET ibbilanċjati li jikkombinaw it-tagħlim fuq il-post tax-xogħol ma' ambjenti edukattivi strutturati, filwaqt li jiżguraw li l-istudenti jibbenefikaw kemm mill-prattika professjonali kif ukoll minn formazzjoni edukattiva usa'; jenfasizza li t-tagħlim prattiku u bbażat fuq ix-xogħol m'għandux ikun limitat għall-VET iżda għandu jifforma wkoll komponent sinifikanti tal-edukazzjoni universitarja;***

Or. en

Emenda 157
Angelika Winzig, Eleonora Meleti, Miriam Lexmann, Andrea Wechsler, Romana Tomc, Andrzej Buła, Martine Kemp, Henrik Dahl, Letizia Moratti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jiżguraw ***remunerazzjoni ġusta*** u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti ***għall-apprendistati u l-internships fil-VET*** sabiex itejbu l-attraenza, il-kwalità u l-inklużività tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol;	12. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-impjegaturi***, f'konformità mar-rekwiżiti nazzjonali jew settorjali jew mal-ftehimiet kollettivi fejn jeżistu,*** jiżguraw ***kumpens adegwat*** u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti ***għall-komponent ibbażat fuq il-post tax-xogħol tal-programmi tal-VET*** sabiex itejbu l-attraenza, il-kwalità u l-inklużività ***tagħhom*** tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol;

Or. en

Emenda 158
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Elena Donazzan, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jiżguraw remunerazzjoni ***ġusta*** u kundizzjonijiet tax-xogħol ***deċenti*** għall-apprendistati u l-internships fil-VET sabiex itejbu l-attraenza, il-kwalità u l-inklużività tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol;	12. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jiżguraw remunerazzjoni ***adegwata*** u kundizzjonijiet tax-xogħol ***ta' kwalità skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u s-sistemi ta' negozjar kollettiv*** għall-apprendistati u l-internships fil-VET sabiex itejbu l-attraenza, il-kwalità u l-inklużività tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol;

Or. en

Emenda 159
Romana Jerković, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Marianne Vind, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-	12. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-

Istati Membri u lill-impjegaturi jiżguraw remunerazzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-apprendistati ***u l-internships*** fil-VET sabiex itejbu l-attraenza, il-kwalità u l-inklużività tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol;	Istati Membri u lill-impjegaturi jiżguraw remunerazzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-apprendistati fil-VET sabiex itejbu l-attraenza, il-kwalità u l-inklużività tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol; ***jenfasizza l-importanza tal-involviment attiv tas-sħab soċjali fit-tfassil, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-iskemi ta' apprendistat;***

Or. en

Emenda 160
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jiżguraw remunerazzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-apprendistati u l-internships fil-VET sabiex itejbu l-attraenza, il-kwalità u l-inklużività tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol;	12. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jiżguraw remunerazzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti ***koperti minn sistemi ta' protezzjoni soċjali, protetti kontra l-abbuż u l-isfruttament, u akkumpanjati minn eżiti tat-tagħlim ta' kwalità għolja u mentoraġġ*** għall-apprendistati u l-internships fil-VET sabiex itejbu l-attraenza, il-kwalità u l-inklużività tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol;

Or. en

Emenda 161
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jiżguraw remunerazzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-	12. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jiżguraw remunerazzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-

xogħol deċenti għall-apprendistati u l-internships fil-VET sabiex itejbu l-attraenza, il-kwalità u l-inklużività tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol;	xogħol deċenti għall-apprendistati u l-internships fil-VET sabiex itejbu l-attraenza, il-kwalità u l-inklużività tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol; ***ifakkar li impjiegi ta' kwalità huma essenzjali għall-attraenza tal-perkorsi vokazzjonali u għall-kapaċità tal-Unjoni li żżomm ħaddiema tas-sengħa;***
	Or. en

Emenda 162
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***12a. Jisħaq li l-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni dwar akkomodazzjoni sostenibbli, affordabbli u reżiljenti għat-tibdil fil-klima jirrikjedi investiment sostanzjali fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema fis-settur tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari fil-kompetenzi ekoloġiċi u diġitali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li tali kompetenzi jiġu integrati fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, fl-apprendistati u fit-taħriġ kontinwu, inkluż għal snajja' relatati mar-rinnovazzjoni, sabiex jittejbu l-prestazzjoni ambjentali, l-effiċjenza fir-riżorsi u l-kapaċità innovattiva tas-settur;**
	Or. en

Emenda 163
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

12a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali u l-fornituri tal-VET, jiżviluppaw strateġiji komprensivi u azzjonabbli biex isaħħu l-benesseri tal-istudenti, tal-għalliema u tal-ħarrieġa fl-ambjenti tat-tagħlim tal-VET, inkluż permezz ta' għodod ta' monitoraġġ u rapportar, aċċess għal konsulenza u gwida, appoġġ finanzjarju, żvilupp professjonali u sensibilizzazzjoni; f'dan il-kuntest, jenfasizza l-importanza ta' professjonisti tal-edukazzjoni speċjali, psikologi u assistenti fl-indirizzar tal-ħtiġijiet individwali tal-istudenti kollha tal-VET;

Or. en

Emenda 164
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprojbixxu apprendistati, traineeships u kollokamenti ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol mhux imħallsa fil-VET, u jiżguraw li l-apprendisti u t-trainees kollha jirċievu remunerazzjoni xierqa, protezzjoni soċjali sħiħa, kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri, mentoraġġ effettiv u protezzjoni kontra s-sostituzzjoni ta' impjieg regolari;

Or. en

Emenda 165
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jirrikonoxxi l-potenzjal trasformattiv tal-IA bħala katalist għall-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-VET fl-Ewropa; jappella għall-integrazzjoni strateġika tal-għodod tal-IA biex jappoġġjaw l-innovazzjoni tal-kurrikulu, it-tagħlim personalizzat, l-iżvilupp professjonali u l-valutazzjoni tal-ħiliet;

Or. en

Emenda 166
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Elena Donazzan, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jisħaq fuq l-importanza tal-promozzjoni ta' perkorsi vokazzjonali fost iż-żgħażagħ permezz ta' gwida aktar b'saħħitha għall-karriera, kooperazzjoni mal-familji u l-impjegaturi lokali, u kampanji ta' sensibilizzazzjoni li jenfasizzaw l-opportunitajiet ta' impjieg fil-professjonijiet tekniċi u vokazzjonali;

Or. en

Emenda 167
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw in-nuqqas dejjem jikber ta' għalliema u ħarrieġa tal-VET billi jtejbu l-attraenza, ir-rikonoxximent soċjali u r-remunerazzjoni

tal-professjoni, jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, awtonomija professjonali u progressjoni tal-karriera, u jappoġġjaw il-mentoraġġ, it-tagħlim bejn il-pari u l-possibbiltajiet għall-iżvilupp professjonali;

Or. en

Emenda 168
Brigitte van den Berg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti jippromwovu approċċi fejn il-ħiliet jiġu l-ewwel fir-reklutaġġ, fil-progressjoni u fl-aċċess għas-servizzi; jisħaq li l-gradwati tal-VET jistgħu jiffaċċjaw żvantaġġi strutturali minħabba valur ta' sinjalar aktar baxx tal-kwalifiki vokazzjonali meta mqabbla mad-diplomi akkademiċi;

Or. en

Emenda 169
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jappella għal miżuri mmirati biex tiżdied il-parteċipazzjoni fil-VET fost in-nisa, il-persuni b'diżabbiltà, il-migranti, il-minoranzi razzjalizzati, il-ħaddiema akbar fl-età u l-persuni minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati, inklużi appoġġ finanzjarju, servizzi ta' gwida u miżuri kontra d-diskriminazzjoni;

Or. en

Emenda 170
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Elena Donazzan, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu appoġġjati l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali f'reġjuni rurali, remoti u ekonomikament żvantaġġati sabiex tiġi miġġielda d-depopolazzjoni, jissaħħu s-swieq tax-xogħol lokali u jiġu ppreservati l-ħiliet u s-snajja' tradizzjonali;

Or. en

Emenda 171
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Elena Donazzan, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq l-importanza li d-diplomi u l-ħiliet jiġu rikonoxxuti sabiex tiġi żgurata l-libertà tal-moviment għall-istudenti u għall-ħaddiema tal-VET, u jiġi indirizzat l-għadd baxx ta' opportunitajiet ta' mobbiltà f'dan ir-rigward; jappella biex l-Inizjattiva li jmiss dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet twassal ekosistema koerenti tal-UE għar-rikonoxximent u għall-mobbiltà tal-ħiliet, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà bejn il-Europass, il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, u Impjiegi multilingwi, l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, il-mikrokredenzjali u l-kredenzjali diġitali; jenfasizza li din is-sistema għandha tkun	13. Jisħaq fuq l-importanza li d-diplomi u l-ħiliet jiġu rikonoxxuti sabiex tiġi żgurata l-libertà tal-moviment għall-istudenti u għall-ħaddiema tal-VET, u jiġi indirizzat l-għadd baxx ta' opportunitajiet ta' mobbiltà f'dan ir-rigward***; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi Diploma tal-VET, f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar l-Unjoni tal-Ħiliet, b'inizjattivi minn isfel għal fuq biex tippromwovi l-aġġornament tal-kurrikuli, ir-rilevanza internazzjonali u ż-żieda fl-opportunitajiet ta' mobbiltà***; jappella biex l-Inizjattiva li jmiss dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet twassal ekosistema koerenti tal-UE għar-rikonoxximent u għall-mobbiltà

trasparenti, faċli biex tintuża miċ-ċittadini, diġitali u mingħajr ħlas;	tal-ħiliet, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà bejn il-Europass, il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, u Impjiegi multilingwi, l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, il-mikrokredenzjali u l-kredenzjali diġitali; jenfasizza li din is-sistema għandha tkun trasparenti, faċli biex tintuża miċ-ċittadini, diġitali u mingħajr ħlas; ***filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenza tal-Istati Membri fir-rigward tal-kwalifiki professjonali u l-professjonijiet regolati;***

Or. en

Emenda 172
Pál Szekeres, Margarita de la Pisa Carrión, Séverine Werbrouck

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq l-importanza li d-diplomi u l-ħiliet jiġu rikonoxxuti sabiex tiġi żgurata l-libertà tal-moviment għall-istudenti u għall-ħaddiema tal-VET, u jiġi indirizzat l-għadd baxx ta' opportunitajiet ta' mobbiltà f'dan ir-rigward; jappella biex l-Inizjattiva li jmiss dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet twassal ekosistema koerenti tal-UE għar-rikonoxximent u għall-mobbiltà tal-ħiliet, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà bejn il-Europass, il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, u Impjiegi multilingwi, l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, il-mikrokredenzjali u l-kredenzjali diġitali; jenfasizza li din is-sistema għandha tkun trasparenti, faċli biex tintuża miċ-ċittadini, diġitali u mingħajr ħlas;	13. Jisħaq fuq l-importanza li d-diplomi u l-ħiliet jiġu rikonoxxuti sabiex tiġi żgurata l-libertà tal-moviment għall-istudenti u għall-ħaddiema tal-VET, u jiġi indirizzat l-għadd baxx ta' opportunitajiet ta' mobbiltà f'dan ir-rigward; jappella biex l-Inizjattiva li jmiss dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet twassal ekosistema koerenti tal-UE għar-rikonoxximent u għall-mobbiltà tal-ħiliet, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà bejn il-Europass, il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, u Impjiegi multilingwi, l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, il-mikrokredenzjali u l-kredenzjali diġitali; jenfasizza li din is-sistema għandha tkun trasparenti, faċli biex tintuża miċ-ċittadini, diġitali u mingħajr ħlas; ***jisħaq ukoll li r-rikonoxximent imtejjeb tal-mobbiltà u tal-ħiliet għandu jkun akkumpanjati minn miżuri mmirati lejn il-prevenzjoni tal-eżodu ta' mħuħ sproporzjonat u l-aggravar tan-nuqqas ta' ħaddiema fi Stati Membri u reġjuni anqas għonja, inkluż permezz ta' investiment immirat, strateġiji***

għaż-żamma tal-ħiliet u inċentivi li jappoġġjaw konverġenza ekonomika bbilanċjata u l-iżvilupp ta' swieq tax-xogħol lokali madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 173
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq l-importanza li d-diplomi u l-ħiliet jiġu rikonoxxuti sabiex tiġi żgurata l-libertà tal-moviment għall-istudenti u għall-ħaddiema tal-VET, u jiġi indirizzat l-għadd baxx ta' opportunitajiet ta' mobbiltà f'dan ir-rigward; jappella biex l-Inizjattiva li jmiss dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet twassal ekosistema koerenti tal-UE għar-rikonoxximent u għall-mobbiltà tal-ħiliet, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà bejn il-Europass, il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, u Impjiegi multilingwi, l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, il-mikrokredenzjali u l-kredenzjali diġitali; jenfasizza li din is-sistema għandha tkun trasparenti, faċli biex tintuża miċ-ċittadini, diġitali u mingħajr ħlas;	13. Jisħaq fuq l-importanza li d-diplomi u l-ħiliet jiġu rikonoxxuti sabiex tiġi żgurata l-libertà tal-moviment għall-istudenti u għall-ħaddiema tal-VET, u jiġi indirizzat l-għadd baxx ta' opportunitajiet ta' mobbiltà f'dan ir-rigward; jappella biex l-Inizjattiva li jmiss dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet twassal ekosistema koerenti tal-UE għar-rikonoxximent u għall-mobbiltà tal-ħiliet, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà bejn il-Europass, il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, u Impjiegi multilingwi, l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, il-mikrokredenzjali u l-kredenzjali diġitali; jenfasizza li din is-sistema għandha tkun trasparenti, faċli biex tintuża miċ-ċittadini, diġitali u mingħajr ħlas; ***Jisħaq li mobbiltà mtejba ma tridx tikkontribwixxi għad-dumping soċjali jew għall-erożjoni tal-istandards tax-xogħol u għandha tkun akkumpanjata minn infurzar effettiv tad-drittijiet tax-xogħol madwar l-Unjoni;***

Or. en

Emenda 174
Li Andersson

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq l-importanza li d-diplomi u l-ħiliet jiġu rikonoxxuti sabiex tiġi żgurata l-libertà tal-moviment għall-istudenti u għall-ħaddiema tal-VET, u jiġi indirizzat l-għadd baxx ta' opportunitajiet ta' mobbiltà f'dan ir-rigward; jappella biex l-Inizjattiva li jmiss dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet twassal ekosistema koerenti tal-UE għar-rikonoxximent u għall-mobbiltà tal-ħiliet, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà bejn il-Europass, il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, u Impjiegi multilingwi, l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, il-mikrokredenzjali u l-kredenzjali diġitali; jenfasizza li din is-sistema għandha tkun trasparenti, faċli biex tintuża miċ-ċittadini, diġitali u mingħajr ħlas;	13. Jisħaq fuq l-importanza li d-diplomi u l-ħiliet jiġu rikonoxxuti sabiex tiġi żgurata l-libertà tal-moviment għall-istudenti u għall-ħaddiema tal-VET, u jiġi indirizzat l-għadd baxx ta' opportunitajiet ta' mobbiltà f'dan ir-rigward; jappella biex l-Inizjattiva li jmiss dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet twassal ekosistema koerenti tal-UE għar-rikonoxximent u għall-mobbiltà tal-ħiliet, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà bejn il-Europass, il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, u Impjiegi multilingwi, l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, il-mikrokredenzjali u l-kredenzjali diġitali; jenfasizza li din is-sistema għandha tkun trasparenti, faċli biex tintuża miċ-ċittadini, diġitali u mingħajr ħlas***, u li l-miżuri taħt l-inizjattivi għandhom jiġu appoġġjati minn salvagwardji adegwati bbażati fuq l-ugwaljanza u d-drittijiet bażiċi għall-ħaddiema migranti skont l-istandards internazzjonali tax-xogħol applikabbli***;

Or. en

Emenda 175
Romana Jerković, Estelle Ceulemans, Vilija Blinkevičiūtė, Marianne Vind, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq l-importanza li d-diplomi ***u l-ħiliet*** jiġu rikonoxxuti sabiex tiġi żgurata l-libertà tal-moviment għall-istudenti ***u għall-ħaddiema*** tal-VET, u jiġi indirizzat l-għadd baxx ta' opportunitajiet ta' mobbiltà f'dan ir-rigward; jappella biex l-Inizjattiva li jmiss dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet twassal ekosistema koerenti tal-UE għar-rikonoxximent u għall-mobbiltà tal-ħiliet, filwaqt li tiżgura l-	13. Jisħaq fuq l-importanza li ***l-kwalifiċi u*** d-diplomi jiġu rikonoxxuti sabiex tiġi żgurata l-libertà tal-moviment ***u tiġi promossa l-mobbiltà ġusta tal-istudju*** għall-istudenti***, l-apprendisti u l-ħaddiema*** tal-VET, u jiġi indirizzat l-għadd baxx ta' opportunitajiet ta' mobbiltà f'dan ir-rigward; jappella biex l-Inizjattiva li jmiss dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet twassal ekosistema koerenti tal-UE għar-

interoperabbiltà bejn il-Europass, il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, u Impjiegi multilingwi, l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, il-mikrokredenzjali u l-kredenzjali diġitali; jenfasizza li din is-sistema għandha tkun trasparenti, faċli biex tintuża miċ-ċittadini, diġitali u mingħajr ħlas;	rikonoxximent u għall-mobbiltà tal-ħiliet, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà bejn il-Europass, il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, u Impjiegi multilingwi, l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, il-mikrokredenzjali u l-kredenzjali diġitali; jenfasizza li din is-sistema għandha tkun trasparenti, faċli biex tintuża miċ-ċittadini, diġitali u mingħajr ħlas;

Or. en

Emenda 176
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq l-importanza li d-diplomi u l-ħiliet jiġu rikonoxxuti sabiex tiġi żgurata l-libertà tal-moviment għall-istudenti u għall-ħaddiema tal-VET, u jiġi indirizzat l-għadd baxx ta' opportunitajiet ta' mobbiltà f'dan ir-rigward; jappella biex l-Inizjattiva li jmiss dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet twassal ekosistema koerenti tal-UE għar-rikonoxximent u għall-mobbiltà tal-ħiliet, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà bejn il-Europass, il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, u Impjiegi multilingwi, l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, il-mikrokredenzjali u l-kredenzjali diġitali; jenfasizza li din is-sistema għandha tkun trasparenti, faċli biex tintuża miċ-ċittadini, diġitali u mingħajr ħlas;	13. Jisħaq fuq l-importanza li d-diplomi u l-ħiliet jiġu rikonoxxuti sabiex tiġi żgurata l-libertà tal-moviment għall-istudenti u għall-ħaddiema tal-VET, u jiġi indirizzat l-għadd baxx ta' opportunitajiet ta' mobbiltà f'dan ir-rigward***, inkluż permezz tal-programm Erasmus+***; jappella biex l-Inizjattiva li jmiss dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet twassal ekosistema koerenti tal-UE għar-rikonoxximent u għall-mobbiltà tal-ħiliet, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà bejn il-Europass, il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, u Impjiegi multilingwi, l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, il-mikrokredenzjali u l-kredenzjali diġitali; jenfasizza li din is-sistema għandha tkun trasparenti, faċli biex tintuża miċ-ċittadini, diġitali u mingħajr ħlas;

Or. en

Emenda 177
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq l-importanza li ***d-diplomi*** u l-ħiliet jiġu rikonoxxuti sabiex tiġi żgurata l-libertà tal-moviment għall-istudenti ***u għall-ħaddiema*** tal-VET, u ***jiġi indirizzat l-għadd baxx ta' opportunitajiet ta' mobbiltà f'dan ir-rigward***; jappella biex l-Inizjattiva li jmiss dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet twassal ekosistema koerenti tal-UE għar-rikonoxximent u għall-mobbiltà tal-ħiliet, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà bejn il-Europass, il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, u Impjiegi multilingwi, l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, il-mikrokredenzjali u l-kredenzjali diġitali; jenfasizza li din is-sistema għandha tkun trasparenti, faċli biex tintuża miċ-ċittadini, diġitali u mingħajr ħlas;	13. Jisħaq fuq l-importanza li ***l-kwalifiki*** u l-ħiliet jiġu rikonoxxuti sabiex tiġi żgurata l-libertà tal-moviment ***u tiġi indirizzata l-mobbiltà ġusta tal-istudju*** għall-istudenti tal-VET, u ***l-mobbiltà ġusta tal-forza tax-xogħol għall-apprendisti u l-ħaddiema kollha***; jappella biex l-Inizjattiva li jmiss dwar it-Trasferibbiltà tal-Ħiliet twassal ekosistema koerenti tal-UE għar-rikonoxximent u għall-mobbiltà tal-ħiliet, filwaqt li tiżgura l-interoperabbiltà bejn il-Europass, il-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, u Impjiegi multilingwi, l-oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, il-mikrokredenzjali u l-kredenzjali diġitali; jenfasizza li din is-sistema għandha tkun trasparenti, faċli biex tintuża miċ-ċittadini, diġitali u mingħajr ħlas;

Or. en

Emenda 178
Benedetta Scuderi
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jirrimarka li l-impjiegi marbuta mal-VET għandhom il-flessibbiltà meħtieġa biex jitwettqu kullimkien, u li, għalhekk, il-mobbiltà fil-kuntest tal-VET hija waħda mill-għodod importanti fil-ġlieda kontra l-qgħad, li ssaħħaħ l-impjegabbiltà, tnaqqas id-diskrepanza fil-ħiliet u tiffaċilita t-tlaqqigħ tal-impjiegi, speċjalment għaż-żgħażagħ, filwaqt li tipprovdi ħiliet u esperjenza unika tat-tip meħtieġ sabiex wieħed ikun kompetittiv fis-swieq tax-xogħol tal-lum fi ħdan l-UE;

jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jippromwovu l-firxa shiħa ta' opportunitajiet ippreżentati mill-programm Erasmus+, li jipprovdi liż-żgħażagħ mhux biss b'opportunitajiet biex jistudjaw barra minn pajjiżhom, iżda wkoll b'opportunitajiet għall-apprendistati u l-kollokamenti tax-xogħol;

Or. en

Emenda 179
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu oqsma pilota reġjonali għall-portabbiltà tal-ħiliet u l-kwalifiki, li jibnu fuq oqfsa ta' kooperazzjoni transfruntiera eżistenti bħall-Unjoni tal-Benelux u r-reġjuni tal-fruntiera ġirien tagħhom, sabiex jittestjaw approċċi innovattivi għar-rikonoxximent, il-validazzjoni u l-portabbiltà awtomatika tal-kwalifiki, il-ħiliet u l-mikrokredenzjali bejn il-fruntieri; iqis li proġetti pilota ta' suċċess jistgħu jiġġeneraw evidenza siewja, isaħħu l-fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti u joħolqu effetti konsegwenzjali pożittivi għal implimentazzjoni usa' madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 180
Letizia Moratti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

13a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li nimxu lejn ir-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki akkademiċi u professjonali bejn l-Istati Membri għal livelli komparabbli ta' edukazzjoni, sabiex jitnaqqsu l-ostakli għall-mobbiltà u jissaħħaħ il-funzjonament tas-Suq Uniku għall-edukazzjoni u x-xogħol, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-kwalifiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) jiġu vvalutati fuq bażi ugwali mal-kwalifiki akkademiċi, abbażi tal-eżiti tat-tagħlim aktar milli fuq perkorsi ta' studju formali biss.

Or. en

Emenda 181
Angelika Winzig, Eleonora Meleti, Miriam Lexmann, Andrea Wechsler, Romana Tomc, Andrzej Buła, Martine Kemp, Henrik Dahl, Letizia Moratti, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jenfasizza li r-rikonoxximent u l-portabbiltà mtejba tal-kwalifiki vokazzjonali għandhom jikkontribwixxu mhux biss għall-mobbiltà tax-xogħol iżda wkoll għal tlaqqigħ aħjar tal-ħiliet u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 182
Letizia Moratti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jissottolinja l-ħtieġa li jissaħħaħ il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (EQF)

bħala referenza komuni għall-komparabbiltà tal-kwalifiki, sabiex jitnaqqsu d-diverġenzi bejn is-sistemi nazzjonali u jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent transfruntier, jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqsu l-prattiki diskrezzjonali fir-rikonoxximent tal-kwalifiki fl-Istati Membri kollha billi jiġu promossi kriterji komuni u skedi ta' żmien standardizzati bbażati fuq eżiti tat-tagħlim kondiviżi; jappoġġja l-objettiv ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ġenwina li fiha r-rikonoxximent tal-kwalifiki akkademiċi u vokazzjonali jsir progressivament awtomatiku, filwaqt li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn is-sistemi edukattivi u tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-ħaddiema tas-sengħa.

Or. en

Emenda 183
Brigitte van den Berg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jappella għall-iżvilupp ta' kredenzjali diġitali interoperabbli, siguri u verifikabbli għall-kwalifiki u l-ħiliet professjonali, maħruġa minn awtoritajiet kompetenti u rikonoxxuti, u li jistgħu jiġu kondiviżi faċilment bejn il-fruntieri, filwaqt li tiġi żgurata l-koerenza mal-inizjattivi eżistenti tal-UE u jinżammu l-istandards; iqis il-potenzjal tal-IA għar-rikonoxximent tal-kwalifiki u tal-mikrokredenzjali; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni Ewropej ibbażati fuq l-IA biex jissaħħu t-trasparenza u t-trasferibbiltà tal-kwalifiki tal-VET fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 184
Angelika Winzig, Eleonora Meleti, Miriam Lexmann, Andrea Wechsler, Romana Tomc, Andrzej Buła, Martine Kemp, Henrik Dahl, Letizia Moratti, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jissimplifikaw u jaċċelleraw ir-rikonoxximent tal-kwalifiki vokazzjonali madwar l-Unjoni, filwaqt li jirrispettaw il-kompetenzi nazzjonali, sabiex jiffaċilitaw il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet;

Or. en

Emenda 185
Letizia Moratti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13c. Jenfasizza l-valur ta' skemi strutturati ta' tagħlim ibbażati fuq ix-xogħol, inklużi apprendistati u sistemi doppji ta' edukazzjoni u taħriġ, bħala għodod essenzjali biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol u biex tiġi żgurata l-kisba ta' ħiliet allinjati mal-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu, jespandu u jintegraw bis-sħiħ skemi bħal dawn fis-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li jiżguraw kollokamenti ta' kwalità għolja u ssorveljati tajjeb mhux biss fis-settur privat u fi ħdan in-negozji, iżda wkoll fl-amministrazzjonijiet pubbliċi, iċ-ċentri ta' riċerka, l-organizzazzjonijiet volontarji u t-tielet settur b'mod usa', sabiex l-istudenti jingħataw firxa usa', aktar inklużiva u diversifikata ta'

opportunitajiet ta' tagħlim.

Or. en

Emenda 186
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13c. Jilqa' r-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fl-UE u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, b'mod partikolari billi jnaqqsu l-iskadenzi għar-rikonoxximent permezz tas-sistema awtomatika għall-professjonijiet settorjali għall-mobbiltà temporanja u permanenti;

Or. en

Emenda 187
Angelika Winzig, Eleonora Meleti, Andrea Wechsler, Romana Tomc, Andrzej Buła, Martine Kemp, Letizia Moratti

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13c. Iħeġġeġ l-iżvilupp ta' sħubijiet ta' ħiliet u taħriġ ma' pajjiżi terzi f'setturi li qed jiffaċċjaw nuqqas persistenti ta' ħaddiema, li jikkombinaw opportunitajiet ta' taħriġ ta' kwalità għolja ma' perkorsi ta' rikonoxximent trasparenti u arranġamenti ta' mobbiltà ta' benefiċċju reċiproku;

Or. en

Emenda 188
Angelika Winzig, Eleonora Meleti, Miriam Lexmann, Andrea Wechsler, Romana Tomc, Martine Kemp, Letizia Moratti, Maravillas Abadía Jover

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Jiddispjaċih għall-fatt*** li l-adozzjoni tal-Oqfsa ta' Taħriġ Komuni skont id-Direttiva 2005/36/KE[5] kienet limitata, u jistieden lill-Kummissjoni***, lill-Istati Membri u lill-korpi professjonali rilevanti jippromwovu b'mod attiv l-iżvilupp u l-implimentazzjoni*** tagħhom ***fis-setturi vokazzjonali, fejn rekwiżiti*** ta' taħriġ komuni jistgħu jappoġġjaw il-mobbiltà professjonali u ***jindirizzaw*** in-nuqqas ta' ħiliet;	14. ***Jinnota*** li l-adozzjoni tal-Oqfsa ta' Taħriġ Komuni skont id-Direttiva 2005/36/KE[5] kienet limitata, u jistieden lill-Kummissjoni ***tivvaluta r-raġunijiet għal din l-adozzjoni limitata, tidentifika l-ostakli potenzjali għall-iżvilupp u l-użu tagħhom, u tesplora modi biex tippromwovi l-adozzjoni*** tagħhom ***f'setturi fejn ir-rekwiżiti*** ta' taħriġ komuni jistgħu jappoġġjaw il-mobbiltà professjonali u ***jgħinu biex jiġi indirizzat*** in-nuqqas ta' ħiliet;
[5] Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2005/36/oj).	[5] Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2005/36/oj).

Or. en

Emenda 189
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jiddispjaċih għall-fatt li l-adozzjoni tal-Oqfsa ta' Taħriġ Komuni skont id-Direttiva 2005/36/KE[5] kienet limitata, u jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-korpi professjonali rilevanti jippromwovu b'mod attiv l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħhom fis-setturi vokazzjonali, fejn rekwiżiti ta' taħriġ	14. Jiddispjaċih għall-fatt li l-adozzjoni tal-Oqfsa ta' Taħriġ Komuni skont id-Direttiva 2005/36/KE[5] kienet limitata, u jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-korpi professjonali rilevanti jippromwovu b'mod attiv l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħhom fis-setturi vokazzjonali, fejn rekwiżiti ta' taħriġ

komuni jistgħu jappoġġjaw il-mobbiltà professjonali ***u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet;***

[5] Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2005/36/oj).

komuni jistgħu jappoġġjaw il-mobbiltà professjonali***; jinkoraġġixxi l-estensjoni tar-reġimi ta' rikonoxximent awtomatiku b'mod partikolari f'setturi li qed jesperjenzaw nuqqas ta' ħaddiema jew mobbiltà transfruntiera għolja, filwaqt li jibni fuq approċċi pilota ta' suċċess f'oqfsa ta' kooperazzjoni reġjonali.***

[5] Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2005/36/oj).

Or. en

Emenda 190
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jiddispjaċih għall-fatt li l-adozzjoni tal-Oqfsa ta' Taħriġ Komuni skont id-Direttiva 2005/36/KE[5] kienet limitata, u jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-korpi professjonali rilevanti jippromwovu b'mod attiv l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħhom fis-setturi vokazzjonali, fejn rekwiżiti ta' taħriġ komuni jistgħu jappoġġjaw il-mobbiltà professjonali u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet;	14. Jiddispjaċih għall-fatt li l-adozzjoni tal-Oqfsa ta' Taħriġ Komuni skont id-Direttiva 2005/36/KE[5] kienet limitata, u jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-korpi professjonali rilevanti jippromwovu b'mod attiv l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tagħhom fis-setturi vokazzjonali, fejn rekwiżiti ta' taħriġ komuni jistgħu jappoġġjaw il-mobbiltà professjonali u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet; ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-ispettorati tax-xogħol u l-awtoritajiet rilevanti sabiex jiġġieldu l-frodi, l-impjieg indipendenti fittizju, l-isfruttament u x-xogħol mhux iddikjarat li jaffettwaw lill-ħaddiema mobbli f'okkupazzjonijiet vokazzjonali;***

[5] Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament

[5] Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2005/36/oj).	Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2005/36/oj).

Or. en

Emenda 191
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jappella għal prinċipji proċedurali komuni tal-UE għar-rikonoxximent tal-kwalifiki taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, inklużi skedi ta' żmien trasparenti, kriterji ċari, u l-użu sistematiku ta' valutazzjonijiet ibbażati fuq il-ħiliet, bħal testijiet prattiċi u validazzjoni ta' tagħlim preċedenti fejn id-dokumentazzjoni ma tkunx kompluta.

Or. en

Emenda 192
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Elena Donazzan, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt ta' pożijiet regolatorji eċċessivi fuq il-professjonijiet vokazzjonali u tidentifika opportunitajiet għas-simplifikazzjoni li jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess għall-impjiegi, l-intraprenditorija u l-impjieg indipendenti għall-gradwati vokazzjonali.

Or. en

Emenda 193
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jsaħħu l-użu tal-ESCO bħala lingwa ta' referenza komuni għall-ħiliet fi professjonijiet mhux regolati, li tippermetti lill-impjegaturi, lis-servizzi u lill-pjattaformi tal-impjiegi jirrikonoxxu u jqabblu aħjar il-ħiliet bejn il-fruntieri u s-setturi.

Or. en

Emenda 194
Mariateresa Vivaldini, Francesco Torselli, Chiara Gemma, Elena Donazzan, Geadis Geadi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tal-professjonijiet vokazzjonali fis-salvagwardja tal-bażi tal-manifattura, is-sigurtà tal-enerġija, is-sistemi tat-trasport, is-settur tal-kostruzzjoni u l-infrastruttura strateġika tal-Ewropa, u jitlob li l-politiki tal-edukazzjoni vokazzjonali jirriflettu dawn il-prijoritajiet.

Or. en

Emenda 195
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14c. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-Istandards Okkupazzjonali tal-Ħiliet tax-Xogħol bħala qafas ta' referenza ewlieni fl-iżvilupp ta' inizjattivi Ewropej dwar ir-rikonoxximent tal-ħiliet, it-trasparenza u r-rikonoxximent fl-IVET; iqis li dawn l-istandards jipprovdu metodoloġija robusta u bbażata fuq il-prattika għad-definizzjoni tal-kompetenzi okkupazzjonali fil-livell tad-dħul u jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-komparabbiltà transfruntiera u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol.

Or. en

Emenda 196
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14d. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas ta' referenza komuni tal-UE għar-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-VET, ibbażat fuq għodod eżistenti bħall-EQF u r-riżultati tat-tagħlim; iqis li hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-Proċessi ta' Copenhagen u ta' Bologna; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tesplora l-estensjoni tas-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS) għall-VET, bħala parti mill-isforzi biex tissaħħaħ il-permeabbiltà bejn is-setturi tal-edukazzjoni; jissottolinja, madankollu, li tali estensjoni trid tkun akkumpanjata minn mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità robusti u bbażati fuq il-fiduċja;

Or. en

Emenda 197
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14e. Jitlob li jiġi stabbilit network Ewropew bejn l-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità (QA) għall-VET, simili għall-EQAR fl-edukazzjoni akkademika, biex jippermetti t-tagħlim sistematiku bejn il-pari, il-koordinazzjoni u l-bini tal-fiduċja fis-sistemi kollha tal-QA;

Or. en

Emenda 198
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14f. Jappoġġja l-iżvilupp ta' programmi tal-VET konġunti transnazzjonali; jitlob li tiġi esplorata tikketta volontarja ta' Lawrja Ewropea tal-VET bħala sinjal ta' trasparenza u kwalità għal programmi żviluppati b'mod konġunt, li tgħin biex jissaħħu r-rikonoxximent, il-mobbiltà u l-impjegabbiltà madwar l-Ewropa;

Or. en

Emenda 199
Brigitte van den Berg, Hristo Petrov

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14g. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ flessibbli u permeabbli billi jippromwovu l-modularità u jespandu r-rikonoxximent u l-validazzjoni tat-tagħlim preċedenti, inkluż it-tagħlim mhux formali u informali, biex jiffaċilitaw l-edukazzjoni u t-taħriġ mill-ġdid; iħeġġeġ li jkunu disponibbli modi ta' twassil flessibbli, inkluż tagħlim part-time, imħallat u online, biex jiġu akkomodati studenti b'responsabbiltajiet ta' kura, impenji ta' impjieg jew perkorsi edukattivi interrotti; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea taġġorna r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2020 dwar il-VET għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza billi tintroduċi miri kwantitattivi għall-flessibbiltà u l-modularità tal-kurrikuli fil-VET;
	Or. en